Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2235

tas-16 ta' Diċembru 2020

li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2016/429 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali u mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, għad-dħul fl-Unjoni u l-movimenti fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali u oġġetti, ċertifikazzjoni uffiċjali dwar dawn iċ-ċertifikati u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 599/2004, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 636/2014 u (UE) 2019/628, id-Direttiva 98/68/KE u d-Deċiżjonijiet 2000/572/KE, 2003/779/KE u 2007/240/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 442, 30.12.2020, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/617 tal-14 ta' April 2021	L 131	41	16.4.2021
►M2	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/619 tal-15 ta' April 2021	L 131	72	16.4.2021
►M3	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1329 tal-10 ta' Awwissu 2021	L 288	48	11.8.2021
►M4	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1469 tal-10 ta' Settembru 2021	L 321	21	13.9.2021
►M5	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1471 tat-18 ta' Awwissu 2021	L 326	1	15.9.2021
►M6	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/7 tal-5 ta' Jannar 2022	L 2	1	6.1.2022

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2235

tas-16 ta' Diċembru 2020

li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2016/429 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali u mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, għad-dħul fl-Unjoni u l-movimenti fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali u oġġetti, ċertifikazzjoni uffiċjali dwar dawn iċ-ċertifikati u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 599/2004, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 636/2014 u (UE) 2019/628, id-Direttiva 98/68/KE u d-Deċiżjonijiet 2000/572/KE, 2003/779/KE u 2007/240/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli dwar iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali previsti fir-Regolament (UE) 2016/429, iċ-ċertifikati uffiċjali previsti fir-Regolament (UE) 2017/625 u ċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali bbażati fuq dawk ir-Regolamenti u fir-rigward tal-ħruġ u s-sostituzzjoni ta' dawk iċ-ċertifikati meħtieġa għad-dħul fl-Unjoni ([1]) u l-movimenti fl-Unjoni u bejn l-Istati Membri ta' ċerti kunsinni ta' annimali u oġġetti (minn hawn 'il quddiem imsemmija flimkien bħala "iċ-ċertifikati").

2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi mudelli standard għaċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, għaċ-ċertifikati uffiċjali jew għaċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali:

(a) għall-movimenti bejn l-Istati Membri jew fl-Unjoni ta' annimali, prodotti li joriġinaw mill-annimali u prodotti ġerminali tagħhom u n-noti ta' kif għandhom jimtlew;

(b) għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti li joriġinaw mill-annimali, prodotti komposti, prodotti ġerminali, prodotti sekondarji tal-annimali, nebbieta għall-konsum mill-bniedem u żrieragħ maħsuba għall-produzzjoni ta' nebbieta għall-konsum mill-bniedem, u n-noti ta' kif għandhom jimtlew.

3. Dan ir-Regolament jistabbilixxi mudelli taċ-ċertifikati, fil-forma ta' ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, ċertifikati uffiċjali jew ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali rispettivament, u mudell tal-attestazzjoni għall-annimali u l-oġġetti li ġejjin, maħsuba għall-konsum mill-bniedem:

([1]) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, referenzi għall-"Unjoni" jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

▼B

(a) il-mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali għall-movimenti fl-Unjoni tal-oġġetti li ġejjin, maħsuba għall-konsum mill-bniedem:

(i) prodotti li joriġinaw minn annimali terrestri li jistgħu jiġu mċaqalqa minn żona ristretta soġġetta għal miżuri ta' emerġenza jew miżuri ta' kontroll tal-mard jew li joriġinaw minn annimali ta' speċijiet soġġetti għal dawk il-miżuri;

(ii) kaċċa salvaġġa kbira mhux imqaxxra mill-ġilda;

(b) il-mudelli taċ-ċertifikati għad-dħul fl-Unjoni tal-annimali u l-oġġetti li ġejjin, maħsuba għall-konsum mill-bniedem:

(i) prodotti ta' oriġini mill-annimali u prodotti komposti li jeħtieġu ċertifikat bħal dan f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/625;

(ii) ċerti annimali akkwatiċi ħajjin u prodotti ta' oriġini mill-annimali li jeħtieġu ċertifikat bħal dan f'konformità mal-punt (c) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

(iii) insetti ħajjin u bebbux ħaj;

(c) il-mudell taċ-ċertifikat għan-nebbieta u ż-żrieragħ maħsuba għall-produzzjoni tan-nebbieta;

(d) il-mudell taċ-ċertifikat għat-tranżitu fl-Unjoni lejn pajjiż terz, bi tranżitu immedjat jew wara l-ħżin fl-Unjoni ta' prodotti komposti maħsuba għall-konsum mill-bniedem;

(e) il-mudelli taċ-ċertifikati fil-każ ta' spezzjoni *ante-mortem* fl-azjenda ta' provenjenza jew fil-każ ta' tbiċċir ta' emerġenza barra mill-biċċerija;

(f) il-mudell ta' attestazzjoni privata ffirmata mill-operatur tan-negozju tal-ikel importatur għal prodotti komposti stabbli fil-ħżin li fihom prodotti pproċessati li joriġinaw mill-annimali għajr il-laħam ipproċessat, meta dawn il-prodotti komposti jkunu deħlin fl-Unjoni.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "biċċerija" tfisser biċċerija kif definit fil-punt 1.16 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

▼B

(2) “saqajn taż-żrinġijiet” tfisser saqajn taż-żrinġijiet kif definit fil-punt 6.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u saqajn taż-żrinġijiet tal-ġeneru *Pelophylax* mill-familja *Ranidae*, u tal-ġeneri *Limnonectes, Fejervarya u Hoplobatrachus* mill-familja *Dicroglossidae*;

(3) “bebbux” tfisser bebbux kif definit fil-punt 6.2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u kwalunkwe bebbux ieħor tal-familji *Helicidae*, *Hygromiidae* jew *Sphincterochilidae*;

(4) “insetti” tfisser insetti kif definit fil-punt (17) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/625;

(5) “bastiment reefer” tfisser bastiment reefer kif definit fil-punt (26) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/625;

(6) “bastiment friża” tfisser bastiment friża kif definit fil-punt 3.3 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(7) “bastiment fabbrika” tfisser bastiment fabbrika kif definit fil-punt 3.2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(8) “ċentru ta’ spedizzjoni” tfisser ċentru ta’ spedizzjoni kif definit fil-punt 2.7 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(9) “stabbiliment li jipproċessa l-kaċċa” tfisser stabbiliment li jipproċessa l-kaċċa kif definit fil-punt 1.18 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(10) “impjant tat-tqattigħ” tfisser impjant tat-tqattigħ kif definit fil-punt 1.17 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(11) “nebbieta” tfisser nebbieta kif definit fil-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 208/2013.

Artikolu 3

Mudelli standard għaċ-ċertifikati għall-movimenti fl-Unjoni, bejn l-Istati Membri u għad-dħul fl-Unjoni

1. Mudelli għaċ-ċertifikati għall-movimenti ta’ annimali u prodotti bejn l-Istati Membri jew fl-Unjoni għandu jkun fihom entrati għall-informazzjoni stabbilita fil-mudell standard fil-Kapitolu 1 tal-Anness I.

2. Mudelli għaċ-ċertifikati għad-dħul fl-Unjoni ta’ annimali, prodotti li joriġinaw mill-annimali, prodotti komposti, prodotti ġerminali, prodotti sekondarji tal-annimali, nebbieta għall-konsum mill-bniedem u żrieragħ maħsubin għall-produzzjoni ta’ nebbieta għall-konsum mill-bniedem għandu jkun fihom entrati għall-informazzjoni stabbilita fil-mudell standard fil-Kapitolu 3 tal-Anness I.

▼B

Artikolu 4

Mili taċ-ċertifikati għall-annimali u l-oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem

1. Iċ-ċertifikati għall-movimenti ta' annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem fl-Unjoni jew bejn l-Istati Membri, għandhom jimtlew kif xieraq u jiġu ffirmati minn veterinarju uffiċjali jew uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni f'konformità man-noti ta' spjegazzjoni previsti fil-Kapitolu 2 tal-Anness I.

2. Iċ-ċertifikati għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti li joriġinaw mill-annimali, prodotti komposti, nebbieta għall-konsum mill-bniedem u żrieragħ maħsubin għall-produzzjoni ta' nebbieta għall-konsum mill-bniedem, għandhom jimtlew kif xieraq u jiġu ffirmati minn veterinarju uffiċjali jew uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni awtorizzat mill-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz biex jiffirma ċ-ċertifikati rilevanti f'konformità mannoti ta' spjegazzjoni previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I.

3. L-operatur responsabbli mill-kunsinni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti bl-informazzjoni dwar iddeskrizzjoni ta' dawn il-kunsinni kif deskritt fil-Parti I tal-mudelli taċ-ċertifikati stabbiliti fl-Annessi II, III u IV ta' dan ir-Regolament.

4. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li ċ-ċertifikati li jinkludu l-attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali, ikunu ffirmati minn veterinarju uffiċjali.

Artikolu 5

Rekwiżiti għaċ-ċertifikati għall-kunsinni ta' annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem

1. Il-veterinarju uffiċjali jew l-uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni għandu jimla ċ-ċertifikati għall-kunsinni ta' annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem, f'konformità mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) iċ-ċertifikat irid ikollu l-firma tal-veterinarju uffiċjali jew tal-uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni u t-timbru uffiċjali; il-kulur tal-firma u l-kulur tat-timbru, għajr timbru bbuzzat 'il barra jew bil-marka tal-ilma, iridu jkunu differenti mill-kulur tal-istampar;

(b) meta ċ-ċertifikat ikun fih dikjarazzjonijiet multipli jew alternattivi, id-dikjarazzjonijiet li ma jkunux rilevanti jridu jiġu ingassati, inizjalati u ttimbrati mill-veterinarju uffiċjali jew mill-uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni, jew jitneħħew kompletament miċ-ċertifikat;

(c) iċ-ċertifikat irid jikkonsisti minn wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) folja waħda tal-karti;

▼B

(ii) diversi folji tal-karti fejn il-folji kollha jkunu indiviżibbli u jikkostitwixxu parti sħiħa integrata;

(iii) sekwenza ta' paġni b'kull paġna nnumerata sabiex jiġi indikat li hija paġna partikolari f'sekwenza finita;

(d) meta ċ-ċertifikat ikun magħmul minn sekwenza ta' paġni kif imsemmi fil-punt (c)(iii) ta' dan il-paragrafu, kull paġna jrid ikollha l-kodiċi uniku msemmi fl-Artikolu 89(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-firma tal-veterinarju uffiċjali jew tal-uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni, u t-timbru uffiċjali;

(e) fil-każ taċ-ċertifikati għall-movimenti tal-kunsinni fl-Unjoni jew bejn l-Istati Membri, iċ-ċertifikat irid jakkumpanja l-kunsinna sakemm tasal fil-post tad-destinazzjoni fl-Unjoni;

(f) fil-każ taċ-ċertifikati għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni, iċ-ċertifikat irid jiġi ppreżentat lill-awtorità kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tad-dħul fl-Unjoni fejn il-kunsinna hija soġġetta għall-kontrolli uffiċjali;

(g) iċ-ċertifikat irid jinħareġ qabel ma l-kunsinna li huwa relatat magħha tħalli l-kontroll tal-awtorità kompetenti li qed toħroġ iċ-ċertifikat;

(h) fil-każ taċ-ċertifikati għad-dħul fl-Unjoni, iċ-ċertifikat irid jitfassal fil-lingwa uffiċjali, jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali, tal-Istat Membru tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tad-dħul fl-Unjoni.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1(h), Stat Membru jista' jagħti l-kunsens tiegħu li ċ-ċertifikati jitfasslu f'lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni, u jiġu akkumpanjati, jekk ikun meħtieġ, minn traduzzjoni awtentikata.

3. Il-punti (a) sa (e) tal-paragrafu 1 ma japplikawx għaċ-ċertifikati elettroniċi uffiċjali maħruġa f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 39(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1715.

4. Il-punti (b), (c) u (d) tal-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għaċ-ċertifikati maħruġa fuq karta u mimlija minn fuq is-sistema TRACES u stampati minnha.

Artikolu 6

Sostituzzjoni taċ-ċertifikati għall-kunsinni ta' annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom joħorġu ċertifikati ta' sostituzzjoni biss għall-kunsinni ta' annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem fil-każ ta' żbalji amministrattivi fiċ-ċertifikat inizjali jew meta ċ-ċertifikat inizjali jkun ġie danneġġat jew mitluf.

▼B

2. Fiċ-ċertifikat ta' sostituzzjoni, l-awtorità kompetenti ma għandhiex timmodifika l-informazzjoni fiċ-ċertifikat inizjali dwar l-identifikazzjoni tal-kunsinna, it-traċċabbiltà tagħha u l-garanziji previsti għall-kunsinni miċ-ċertifikat inizjali.

3. Fiċ-ċertifikat ta' sostituzzjoni, l-awtorità kompetenti għandha:

(a) tagħmel referenza ċara għall-kodiċi uniku msemmi fl-Artikolu 89(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625 u d-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat inizjali, u tiddikjara b'mod ċar li qed tissostitwixxi ċ-ċertifikat inizjali;

(b) tindika numru taċ-ċertifikat ġdid li jkun differenti minn dak taċ-ċertifikat inizjali;

(c) tindika d-data ta' meta nħareġ, li ma tkunx l-istess bħad-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat inizjali;

(d) tipproduċi dokument oriġinali maħruġ fuq karta, ħlief fil-każ ta' ċertifikati ta' sostituzzjoni elettroniċi sottomessi fi TRACES.

4. Fil-każ tad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni, l-awtorità kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tad-dħul fl-Unjoni, tista' ma titlobx lill-operatur responsabbli mill-kunsinna biex jipprovdi ċertifikat ta' sostituzzjoni meta l-informazzjoni dwar id-destinatarju, l-importatur, il-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tad-dħul fl-Unjoni jew il-mezzi tat-trasport jinbidlu wara li ċ-ċertifikat ikun inħareġ u t-tali informazzjoni tkun ipprovduta mill-operatur responsabbli mill-kunsinna.

Artikolu 7

Mudelli taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali u taċ-ċertifikat uffiċjali għal movimenti fl-Unjoni u bejn l-Istati Membri ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem

1. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali msemmi fil-punt (3)(a)(i) tal-Artikolu 1, li jrid jintuża għall-moviment fl-Unjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, li huma permessi li jiġu mċaqalqa minn żona ristretta soġġetta għal miżuri ta' emerġenza jew miżuri ta' kontroll tal-mard jew joriġinaw minn annimali ta' speċijiet soġġetti għal dawk il-miżuri, għandu jikkorrispondi mal-mudell INTRA-EMERGENCY mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 1 tal-Anness II.

2. Iċ-ċertifikat uffiċjali msemmi fl-Artikolu 1(3)(a)(ii), li jrid jintuża għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta' kaċċa salvaġġa kbira mhux imqaxxra mill-ġilda maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandu jikkorrispondi mal-mudell INTRA-UNSKINNED LARGE WILD GAME mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 2 tal-Anness II.

▼B

Artikolu 8

Mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk ta' annimali ungulati maħsub għall-konsum mill-bniedem

Iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali msemmija fl-Artikolu 1(3)(b)(ii), li jridu jintużaw għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk ta' annimali ungulati maħsub għall-konsum mill-bniedem, għandhom jikkorrispondu ma' wieħed mill-mudelli li ġejjin, skont l-ispeċijiet u l-kategoriji tal-prodotti kkonċernati:

(a) BOV imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 1 tal-Anness III, għal-laħam frisk maħsub għall-konsum mill-bniedem, ħlief il-laħam separat mekkanikament, ta' annimali bovini domestiċi;

(b) OVI mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 2 tal-Anness III, għal-laħam frisk maħsub għall-konsum mill-bniedem, ħlief il-laħam separat mekkanikament, ta' annimali ovini u kaprini domestiċi;

(c) POR imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 3 tal-Anness III, għal-laħam frisk maħsub għall-konsum mill-bniedem, ħlief il-laħam separat mekkanikament, ta' annimali porċini domestiċi;

(d) EQU imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 4 tal-Anness III, għal-laħam frisk maħsub għall-konsum mill-bniedem, ħlief il-laħam ikkapuljat u l-laħam separat mekkanikament, ta' solipedi domestiċi (*Equus caballus*, *Equus asinus* u r-razez imħallta tagħhom);

(e) RUF imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 5 tal-Anness III, għal-laħam frisk maħsub għall-konsum mill-bniedem, ħlief il-ġewwieni, il-laħam ikkapuljat u l-laħam separat mekkanikament, ta' annimali tal-familja *Bovidae* (għajr l-annimali bovini, ovini u kaprini domestiċi), annimali kamelidi u annimali ċervidi miżmuma bħala kaċċa mrobbija;

(f) RUW imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 6 tal-Anness III, għal-laħam frisk maħsub għall-konsum mill-bniedem, ħlief il-ġewwieni, il-laħam ikkapuljat u l-laħam separat mekkanikament, ta' annimali selvaġġi tal-familja *Bovidae* (għajr l-annimali bovini, ovini u kaprini domestiċi), annimali kamelidi selvaġġi u annimali ċervidi selvaġġi;

(g) SUF imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 7 tal-Anness III għal-laħam frisk maħsub għall-konsum mill-bniedem, ħlief il-ġewwieni, il-laħam ikkapuljat u l-laħam separat mekkanikament, ta' annimali miżmuma bħala kaċċa mrobbija ta' razez selvaġġi ta' annimali porċini u annimali tal-familja *Tayassuidae*;

▼B

(h) SUW imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 8 tal-Anness III, għal-laħam frisk maħsub għall-konsum mill-bniedem, ħlief il-ġewwieni, laħam ikkapuljat u laħam separat mekkanikament ta' annimali selvaġġi ta' razez selvaġġi ta' annimali porċini u annimali tal-familja *Tayassuidae*;

(i) EQW imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 9 tal-Anness III għal-laħam frisk maħsub għall-konsum mill-bniedem, ħlief il-ġewwieni, il-laħam ikkapuljat u l-laħam separat mekkanikament, ta' solipedi selvaġġi tas-subġeneru *Hippotigris* (żebra);

(j) RUM-MSM imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 10 tal-Anness III, għal-laħam separat mekkanikament tar-ruminanti domestiċi, maħsub għall-konsum mill-bniedem;

(k) SUI-MSM imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 11 tal-Anness III, għal-laħam separat mekkanikament ta' annimali porċini domestiċi, maħsub għall-konsum mill-bniedem;

(l) NZ-TRANSIT-SG imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 12 tal-Anness III, għal-laħam frisk maħsub għall-konsum mill-bniedem li joriġina minn New Zealand u li jgħaddi minn Singapore b'ħatt, ħżin possibbli u tagħbija mill-ġdid qabel id-dħul fl-Unjoni.

Artikolu 9

Mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam tat-tjur, tar-ratiti u ta' għasafar tal-kaċċa oħrajn, bajd u prodotti tal-bajd maħsuba għall-konsum mill-bniedem

Iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali msemmija fl-Artikolu 1(3)(b)(ii), li jridu jintużaw għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam tat-tjur, tar-ratiti u ta' għasafar tal-kaċċa oħrajn, bajd u prodotti tal-bajd maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandhom jikkorrispondu ma' wieħed mill-mudelli li ġejjin, skont l-ispeċijiet u l-kategoriji tal-prodotti kkonċernati:

(a) POU mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 13 tal-Anness III, għal-laħam frisk maħsub għall-konsum mill-bniedem, ħlief il-laħam ikkapuljat u l-laħam separat mekkanikament, tat-tjur għajr ir-ratiti;

(b) POU-MI/MSM imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 14 tal-Anness III, għal-laħam ikkapuljat u l-laħam separat mekkanikament, maħsub għall-konsum mill-bniedem, tat-tjur għajr ir-ratiti;

▼B

(c) RAT imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 15 tal-Anness III, għal-laħam frisk tar-ratiti maħsub għall-konsum mill-bniedem, ħlief il-laħam ikkapuljat u l-laħam separat mekkanikament;

(d) RAT-MI/MSM imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 16 tal-Anness III, għal-laħam ikkapuljat u l-laħam separat mekkanikament, maħsub għall-konsum mill-bniedem, tar-ratiti;

(e) GBM imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 17 tal-Anness III, għal-laħam frisk tal-għasafar tal-kaċċa maħsub għall-konsum mill-bniedem, ħlief il-laħam ikkapuljat u l-laħam separat mekkanikament;

(f) GBM-MI/MSM imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 18 tal-Anness III, għal-laħam ikkapuljat u l-laħam separat mekkanikament, maħsub għall-konsum mill-bniedem, tal-għasafar tal-kaċċa;

(g) E mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 19 tal-Anness III, għall-bajd maħsub għall-konsum mill-bniedem;

(h) EP imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 20 tal-Anness III, għall-prodotti tal-bajd maħsuba għall-konsum mill-bniedem.

Artikolu 10

Mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali u taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk tal-*leporidae* selvaġġi, ta' ċerti mammiferi tal-art selvaġġi u tal-fniek imrobbija maħsub għall-konsum mill-bniedem, ħlief il-laħam separat mekkanikament

Iċ-ċertifikati uffiċjali u ċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali msemmija fl-Artikolu 1(3)(b)(ii), li jridu jintużaw għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk maħsub għall-konsum mill-bniedem, ħlief il-laħam separat mekkanikament, tal-*leporidae* selvaġġi, ta' ċerti mammiferi tal-art selvaġġi u tal-fniek imrobbija, għandhom jikkorrispondu ma' wieħed mill-mudelli li ġejjin, skont l-ispeċijiet u l-kategoriji tal-prodotti kkonċernati:

(a) WL imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 21 tal-Anness III, għal-laħam frisk maħsub għall-konsum mill-bniedem ta' *leporidae* selvaġġi (fniek u liebri), ħlief il-laħam ikkapuljat, il-laħam separat mekkanikament u l-ġewwieni għajr il-*leporidae* mhux imqaxxra mill-ġilda u li ma ġewx evixxerati;

(b) WM mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 22 tal-Anness III għal-laħam frisk maħsub għall-konsum mill-bniedem, ħlief il-ġewwieni, il-laħam ikkapuljat u l-laħam separat mekkanikament, ta' mammiferi tal-art selvaġġi għajr l-annimali ungulati u l-*leporidae*;

▼B

(c) RM imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 23 tal-Anness III, għal-laħam frisk maħsub għall-konsum mill-bniedem, ħlief il-laħam ikkapuljat u l-laħam separat mekkanikament, tal-fniek imrobbija.

Artikolu 11

Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' preparati tal-laħam maħsuba għall-konsum mill-bniedem

Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali msemmi fl-Artikolu 1(3)(b)(ii), li jrid jintuża għad-dħul fl-Unjoni ta' preparati tal-laħam maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandu jikkorrispondi mal-mudell MP-PREP imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 24 tal-Anness III.

Artikolu 12

Mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti tal-laħam maħsuba għall-konsum mill-bniedem, inkluż ix-xaħmijiet tal-annimali mdewba u l-qrieqeċ, l-estratti tal-laħam, l-istonkijiet, il-vexxiki u l-intestini trattati għajr il-budellat

Iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali msemmija fl-Artikolu 1(3)(b)(ii), li jridu jintużaw għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti prodotti tal-laħam maħsuba għall-konsum mill-bniedem, inkluż ix-xaħmijiet tal-annimali mdewba u l-qrieqeċ, l-estratti tal-laħam, l-istonkijiet, il-vexxiki u l-intestini trattati għajr il-budellat, għandhom jikkorrispondu ma' wieħed mill-mudelli li ġejjin, skont l-ispeċijiet u l-kategoriji tal-prodotti kkonċernati:

(a) MPNT mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 25 tal-Anness III, għall-prodotti tal-laħam maħsuba għall-konsum mill-bniedem, inkluż ix-xaħmijiet tal-annimali imdewba u l-qrieqeċ, l-estratti tal-laħam, u l-istonkijiet, il-vexxiki, l-intestini trattati, għajr il-budellat, li mhumiex meħtieġa li jgħaddu minn trattament speċifiku li jimmitiga r-riskju;

(b) MPST imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 26 tal-Anness III, għal prodotti tal-laħam maħsuba għall-konsum mill-bniedem, inkluż ix-xaħmijiet tal-annimali imdewba u l-qrieqeċ, l-estratti tal-laħam, u l-istonkijiet, il-vexxiki, l-intestini trattati, għajr il-budellat, li huma meħtieġa li jgħaddu minn trattament speċifiku li jimmitiga r-riskju.

▼B

Artikolu 13

Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' budellat maħsub għall-konsum mill-bniedem

Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali msemmi fl-Artikolu 1(3)(b)(ii), li jrid jintuża għad-dħul fl-Unjoni ta' budellat maħsub għall-konsum mill-bniedem, għandu jikkorrispondi mal-mudell CAS imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 27 tal-Anness III.

Artikolu 14

Mudelli taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali u taċ-ċertifikati uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' ħut ħaj, krustaċji ħajjin, prodotti li joriġinaw minn dawk l-annimali u ċerti prodotti tas-sajd maħsuba għall-konsum mill-bniedem

1. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali msemmi fl-Artikolu 1(3)(b)(ii), li jrid jintuża għad-dħul fl-Unjoni ta' ħut ħaj, krustaċji ħajjin u prodotti li joriġinaw minn dawk l-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandu jikkorrispondi mal-mudell FISH-CRUST-HC imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 28 tal-Anness III.

2. Iċ-ċertifikat uffiċjali msemmi fl-Artikolu 1(3)(b)(ii), li jrid jintuża fil-każ ta' prodotti tas-sajd maħsuba għall-konsum mill-bniedem maqbuda minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru u trasferiti f'pajjiżi terzi bi jew mingħajr ħżin, għandu jikkorrispondi mal-mudell EU-FISH imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 29 tal-Anness III.

3. Iċ-ċertifikat uffiċjali msemmi fl-Artikolu 1(3)(b)(ii), li jrid jiġi ffirmat mill-kaptan u li jrid jintuża għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti tas-sajd jew prodotti tas-sajd derivati minn molluski bivalvi maħsuba għall-konsum mill-bniedem, li jidħlu fl-Unjoni direttament minn bastiment reefer, friża jew fabbrika li jtajjar il-bandiera ta' pajjiż terz kif previst fl-Artikolu 11(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/625, għandu jikkorrispondi mal-mudell FISH/MOL-CAP imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 30 tal-Anness III.

Artikolu 15

Mudelli taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali u taċ-ċertifikat uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gasteropodi tal-baħar ħajjin, prodotti li joriġinaw minn dawk l-annimali u ċerti molluski bivalvi pproċessati maħsuba għall-konsum mill-bniedem

1. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali msemmi fl-Artikolu 1(3)(b)(ii), li jrid jintuża għad-dħul fl-Unjoni ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gasteropodi tal-baħar ħajjin, u

▼B

l-prodotti li joriġinaw minn dawk l-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandu jikkorrispondi mal-mudell MOL-HC imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 31 tal-Anness III.

2. Iċ-ċertifikat uffiċjali msemmi fl-Artikolu 1(3)(b)(ii), li jrid jintuża fil-każ tad-dħul fl-Unjoni ta' molluski bivalvi pproċessati maħsuba għall-konsum mill-bniedem li jappartjenu għall-ispeċi *Acanthocardia tuberculatum*, għandu jikkorrispondi mal-mudell MOL-AT imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 32 tal-Anness III.

Artikolu 16

Mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' ħalib mhux ipproċessat, prodotti tal-ħalib, kolostru u prodotti bbażati fuq il-kolostru maħsuba għall-konsum mill-bniedem

Iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali msemmija fl-Artikolu 1(3)(b)(ii), li jridu jintużaw għad-dħul fl-Unjoni ta' ħalib mhux ipproċessat, prodotti tal-ħalib, kolostru u prodotti bbażati fuq il-kolostru maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandhom jikkorrispondu ma' wieħed mill-mudelli li ġejjin, skont l-ispeċijiet u l-kategoriji tal-prodotti kkonċernati:

(a) MILK-RM imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 33 tal-Anness III, għall-ħalib mhux ipproċessat maħsub għall-konsum mill-bniedem;

(b) MILK-RMP/NT imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 34 tal-Anness III, għall-prodotti tal-ħalib maħsuba għall-konsum mill-bniedem derivati mill-ħalib mhux ipproċessat jew li mhumiex meħtieġa jgħaddu minn trattament speċifiku li jimmitiga r-riskju;

(c) DAIRY-PRODUCTS-PT imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 35 tal-Anness III, għall-prodotti tal-ħalib maħsuba għall-konsum mill-bniedem li huma meħtieġa jgħaddu minn trattament ta' pastorizzazzjoni;

(d) DAIRY-PRODUCTS-ST imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 36 tal-Anness III, għall-prodotti tal-ħalib maħsubin għall-konsum mill-bniedem li huma meħtieġa li jgħaddu minn trattament speċifiku li jimmitiga r-riskju għajr il-pastorizzazzjoni;

(e) COLOSTRUM imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 37 tal-Anness III, għall-kolostru maħsub għall-konsum mill-bniedem;

(f) COLOSTRUM-BP imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 38 tal-Anness III, għall-prodotti bbażati fuq il-kolostru maħsuba għall-konsum mill-bniedem.

▼B

Artikolu 17

Mudell taċ-ċertifikat uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' saqajn taż-żringijiet imkessħin, iffriżati jew ippreparati maħsuba għall-konsum mill-bniedem

Iċ-ċertifikat uffiċjali msemmi fl-Artikolu 1(3)(b)(i), li jrid jintuża għad-dħul fl-Unjoni ta' saqajn taż-żringijiet imkessħin, iffriżati jew ippreparati maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandu jikkorrispondi mal-mudell FRG imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 39 tal-Anness III.

Artikolu 18

Mudell taċ-ċertifikat uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' bebbux maħsub għall-konsum mill-bniedem

Iċ-ċertifikat uffiċjali msemmi fl-Artikolu 1(3)(b)(iii), li jrid jintuża għad-dħul fl-Unjoni ta' bebbux maħsub għall-konsum mill-bniedem, għandu jikkorrispondi mal-mudell SNS imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 40 tal-Anness III.

Artikolu 19

Mudell taċ-ċertifikat uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' ġelatina maħsuba għall-konsum mill-bniedem

Iċ-ċertifikat uffiċjali msemmi fl-Artikolu 1(3)(b)(i), li jrid jintuża għad-dħul fl-Unjoni ta' ġelatina maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandu jikkorrispondi mal-mudell GEL imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 41 tal-Anness III.

Artikolu 20

Mudell taċ-ċertifikat uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' kollaġen maħsub għall-konsum mill-bniedem

Iċ-ċertifikat uffiċjali msemmi fl-Artikolu 1(3)(b)(i), li jrid jintuża għad-dħul fl-Unjoni ta' kollaġen maħsub għall-konsum mill-bniedem, għandu jikkorrispondi mal-mudell COL imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 42 tal-Anness III.

Artikolu 21

Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' materja prima għall-produzzjoni ta' ġelatina u kollaġen maħsuba għall-konsum mill-bniedem

Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali msemmi fl-Artikolu 1(3)(b)(i), li jrid jintuża għad-dħul fl-Unjoni ta' materja prima għall-produzzjoni ta' ġelatina u kollaġen maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandu jikkorrispondi mal-mudell RCG mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 43 tal-Anness III.

▼B

Artikolu 22

Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' materja prima ttrattata għall-produzzjoni ta' ġelatina u kollaġen maħsuba għall-konsum mill-bniedem

Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-bniedem/uffiċjali imsemmi fl-Artikolu 1(3)(b)(i), li jrid jintuża għad-dħul fl-Unjoni ta' materja prima ttrattata għall-produzzjoni ta' ġelatina u kollaġen maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandu jikkorrispondi mal-mudell TCG imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 44 tal-Anness III.

Artikolu 23

Mudell taċ-ċertifikat uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni tal-għasel u ta' prodotti oħra tal-apikultura maħsuba għall-konsum mill-bniedem

Iċ-ċertifikat uffiċjali msemmi fl-Artikolu 1(3)(b)(i), li jrid jintuża għad-dħul fl-Unjoni ta' għasel u prodotti oħra tal-apikultura maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandu jikkorrispondi mal-mudell HON imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 45 tal-Anness III.

Artikolu 24

Mudell taċ-ċertifikat uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni tas-sulfat tal-kondrojtina, tal-aċidu jaluroniku, ta' prodotti oħrajn tal-qarquċa idrolizzata, tal-kitosan, tal-glukożammina, tat-tames, tal-isinglass u ta' amminoaċidi raffinati ħafna maħsuba għall-konsum mill-bniedem

Iċ-ċertifikat uffiċjali msemmi fl-Artikolu 1(3)(b)(i) li jrid jintuża għad-dħul fl-Unjoni tas-sulfat tal-kondrojtina, tal-aċidu jaluroniku, ta' prodotti oħrajn tal-qarquċa idrolizzata, tal-kitosan, tal-glukożammina, tat-tames, tal-isinglass u ta' amminoaċidi raffinati ħafna maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandu jikkorrispondi mal-mudell HRP imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 46 tal-Anness III.

Artikolu 25

Mudell taċ-ċertifikat uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni tal-laħam tar-rettili maħsub għall-konsum mill-bniedem

Iċ-ċertifikat uffiċjali msemmi fl-Artikolu 1(3)(b)(i), li jrid jintuża għad-dħul fl-Unjoni tal-laħam tar-rettili maħsub għall-konsum mill-bniedem, għandu jikkorrispondi mal-mudell REP imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 47 tal-Anness III.

Artikolu 26

Mudell taċ-ċertifikat uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' insetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem

Iċ-ċertifikat uffiċjali msemmi fl-Artikolu 1(3)(b)(iii), li jrid jintuża għad-dħul fl-Unjoni ta' insetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandu jikkorrispondi mal-mudell INS imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 48 tal-Anness III.

▼B

Artikolu 27

Mudell taċ-ċertifikat għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti oħra li joriġinaw mill-annimali derivati minn annimali ungulati domestiċi, tjur, fniek jew prodotti tas-sajd maħsuba għall-konsum mill-bniedem u mhux koperti mill-Artikoli 8 sa 26

Iċ-ċertifikat uffiċjali msemmi fl-Artikolu 1(3)(b)(i), li jrid jintuża għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti oħra li joriġinaw mill-annimali derivati minn annimali ungulati domestiċi, tjur, fniek jew prodotti tas-sajd maħsuba għall-konsum mill-bniedem u mhux koperti mill-Artikoli 8 sa 26, għandu jikkorrispondi mal-mudell PAO mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 49 tal-Anness III.

Artikolu 28

Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti komposti maħsuba għall-konsum mill-bniedem

Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali msemmi fl-Artikolu 1(3)(b)(i), li jrid jintuża għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti komposti mhux stabbli fil-ħżin u prodotti komposti stabbli fil-ħżin li fihom kwalunkwe kwantità ta' prodotti tal-laħam, ħlief il-ġelatina, il-kollaġen u prodotti raffinati ħafna, u maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandu jikkorrispondi mal-mudell COMP imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 50 tal-Anness III.

Artikolu 29

Mudell taċ-ċertifikat uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' nebbieta maħsuba għall-konsum mill-bniedem u żrieragħ maħsuba għall-produzzjoni ta' nebbieta għall-konsum mill-bniedem

Iċ-ċertifikat uffiċjali msemmi fl-Artikolu 1(3)(c), li jrid jintuża għad-dħul fl-Unjoni ta' nebbieta maħsuba għall-konsum mill-bniedem u żrieragħ maħsuba għall-produzzjoni ta' nebbieta għall-konsum mill-bniedem, għandu jikkorrispondi mal-mudell SPR imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 51 tal-Anness III.

Artikolu 30

Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għat-tranżitu fl-Unjoni lejn pajjiż terz, bi tranżitu immedjat jew wara l-ħżin fl-Unjoni ta' prodotti komposti maħsuba għall-konsum mill-bniedem

Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali msemmi fl-Artikolu 1(3)(d), li jrid jintuża għat-tranżitu fl-Unjoni lejn pajjiż terz, bi tranżitu immedjat jew wara l-ħżin fl-Unjoni ta' prodotti komposti mhux stabbli fil-ħżin u prodotti komposti stabbli fil-ħżin, li fihom kwalunkwe kwantità ta' prodotti tal-laħam u maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandu jikkorrispondi mal-mudell TRANSIT-COMP imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 52 tal-Anness III.

▼M4

Artikolu 30a

Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa uffiċjali/tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u ċerti oġġetti li joriġinaw fl-Unjoni, jiġu mċaqalqa lejn pajjiż jew territorju terz u jiġu mċaqalqa lura lejn l-Unjoni wara li jinħattu, jinħażnu u jitgħabbew mill-ġdid f'dak il-pajjiż jew territorju terz

Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali msemmi fil-punt (b)(i) tal-Artikolu 1(3), li jrid jintuża għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali li joriġinaw fl-Unjoni, jiġu mċaqalqa lejn pajjiż jew territorju terz u jiġu mċaqalqa lura lejn l-Unjoni wara li jinħattu, jinħażnu u jitgħabbew mill-ġdid f'dak il-pajjiż jew territorju terz, għandu jikkorrispondi mal-mudell STORAĠE-TC-PAO mfassal skont il-mudell stabbilit fil-Kapitolu 53 tal-Anness III.

▼B

Artikolu 31

Mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali fil-każ ta' spezzjoni *ante-mortem* fl-azjenda ta' provenjenza

Iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali msemmija fl-Artikolu 1(3)(e), li jridu jintużaw fil-każ ta' spezzjoni *ante-mortem* fl-azjenda ta' provenjenza f'konformità mal-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/624, għandhom jikkorrispondu ma' wieħed mill-mudelli li ġejjin, skont l-ispeċijiet u l-kategoriji tal-prodotti kkonċernati:

(a) il-mudell stabbilit fil-Kapitolu 1 tal-Anness IV, għall-annimali ħajjin li jinġarru lejn il-biċċerija;

(b) il-mudell stabbilit fil-Kapitolu 2 tal-Anness IV, għat-tjur maħsuba għall-produzzjoni tal-"foie gras" u għat-tjur evixxerati mdewma;

(c) il-mudell stabbilit fil-Kapitolu 3 tal-Anness IV, għall-kaċċa mrobbija u għall-annimali bovini, porċini u ekwini domestiċi maqtula fl-azjenda ta' provenjenza f'konformità mal-punt 3 tat-Taqsima III tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u l-Artikolu 6(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/624;

(d) il-mudell stabbilit fil-Kapitolu 4 tal-Anness IV, għall-kaċċa mrobbija li titbiċċar fl-azjenda ta' provenjenza f'konformità mal-punt (3a) tat-Taqsima III tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u mal-Artikolu 6(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/624.

Artikolu 32

Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali fil-każ ta' tbiċċir ta' emerġenza barra mill-biċċerija

Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali msemmi fl-Artikolu 1(3)(e), li jrid jintuża fil-każ ta' tbiċċir ta' emerġenza barra mill-biċċerija f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/624, għandu jikkorrispondi mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 5 tal-Anness IV.

▼B

Artikolu 33

Mudell ta' attestazzjoni privata mill-operatur għal prodotti komposti stabbli fil-ħżin li jkun fihom prodotti pproċessati li joriġinaw mill-annimali għajr il-laħam ipproċessat

Il-mudell tal-attestazzjoni privata msemmi fl-Artikolu 1(3)(f), li jrid jintuża mill-operatur għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti komposti stabbli fil-ħżin f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2019/625, għandu jikkorrispondi mal-mudell stabbilit fl-Anness V.

Artikolu 34

Tħassir

1. Ir-Regolament (KE) Nru 599/2004, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 636/2014 u (UE) 2019/628, id-Direttiva 98/68/KE, u d-Deċiżjonijiet 2000/572/KE, 2003/779/KE u 2007/240/KE huma mħassra b'effett mill-21 ta' April 2021.

2. Ir-referenzi għall-atti mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament, u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness VI.

▼M2

Artikolu 35

Dispożizzjonijiet tranżitorji

▼M3

1. Il-kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, ta' prodotti komposti, ta' nebbieta maħsuba għall-konsum mill-bniedem u ta' żrieragħ maħsuba għall-produzzjoni ta' nebbieta għall-konsum mill-bniedem akkumpanjati miċ-ċertifikati xierqa maħruġa f'konformità mal-mudelli stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 28/2012 u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/628, għandhom jiġu aċċettati għad-dħul fl-Unjoni sal-15 ta' Marzu 2022 dment li ċ-ċertifikat ikun ġie ffirmat mill-persuna awtorizzata li tiffirma ċ-ċertifikat f'konformità ma' dak ir-Regolament u mar-Regolament ta' Implimentazzjoni qabel il-15 ta' Jannar 2022.

▼M2

2. Il-mudell armonizzat taċ-ċertifikati għall-movimenti intra-Unjoni stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 599/2004 għandu jiġi aċċettat għall-movimenti fl-Unjoni sas-17 ta' Ottubru 2021.

3. Ir-referenzi għad-dispożizzjonijiet tal-atti mħassra fiċ-ċertifikati u fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 599/2004 għandhom jinftiehmu bħala referenzi għad-dispożizzjonijiet ta' sostituzzjoni korrispondenti u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabelli ta' korrelazzjoni, fejn applikabbli.

▼B

Artikolu 36

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-21 ta' April 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

L-Anness I fih mudelli standard taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, iċ-ċertifikati uffiċjali u ċ-ċertifikati uffiċjali/tas-saħħa tal-annimali u noti dwar kif għandhom jimtlew:

Kapitolu 1: Mudell standard taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, iċ-ċertifikati uffiċjali u ċ-ċertifikati uffiċjali/tas-saħħa tal-annimali għaċ-ċaqliq ta' annimali u prodotti bejn l-Istati Membri u fi ħdan l-Unjoni

Kapitolu 2: Noti għall-mili tal-mudell taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, iċ-ċertifikati uffiċjali u ċ-ċertifikati uffiċjali/tas-saħħa tal-annimali għaċ-ċaqliq ta' annimali u ta' prodotti bejn l-Istati Membri jew fi ħdan l-Unjoni

Kapitolu 3: Mudell standard taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, iċ-ċertifikati uffiċjali u ċ-ċertifikati uffiċjali/tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali, ta' prodotti ta' oriġini mill-annimali, ta' prodotti komposti, ta' prodotti ġerminali, ta' prodotti sekondarji mill-annimali, ta' nebbieta għall-konsum mill-bniedem u ta' żrieragħ maħsuba għall-produzzjoni ta' nebbieta għall-konsum mill-bniedem

Kapitolu 4: Noti għall-mili tal-mudell taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, iċ-ċertifikati uffiċjali u ċ-ċertifikati uffiċjali/tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali, ta' prodotti ta' oriġini mill-annimali, ta' prodotti komposti, ta' prodotti ġerminali, ta' prodotti sekondarji mill-annimali, ta' nebbieta għall-konsum mill-bniedem u ta' żrieragħ maħsuba għall-produzzjoni ta' nebbieta għall-konsum mill-bniedem

▼B

KAPITOLU 1

MUDELL STANDARD TAĊ-ĊERTIFIKATI TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI, IĊ-ĊERTIFIKATI UFFIĊJALI U Ċ-ĊERTIFIKATI UFFIĊJALI/TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦAĊ-ĊAQLIQ TA' ANNIMALI U PRODOTTI BEJN STATI MEMBRI U FI ĦDAN L-UNJONI

L-UNJONI EWROPEA						**INTRA**
Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna	**I.1**	**Konsenjatur** Isem Indirizz Pajjiż	Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.2** **I.2a** **I.3** **I.4**	**Referenza tal-IMSOC** **Referenza lokali** **Awtorità Ċentrali Kompetenti** **Awtorità Kompetenti Lokali**	**KODIĊI QR**
	I.5	**Konsenjatarju** Isem Indirizz Pajjiż	Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.6**	**Operatur li jwettaq operazzjonijiet ta' assemblaġġ indipendentement minn stabbiliment** Isem Indirizz Pajjiż	Nru tar-reġistrazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.7	**Pajjiż ta' oriġini**	Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.9**	**Pajjiż tad-destinazzjoni**	Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.8	**Reġjun ta' oriġini**	Kodiċi	**I.10**	**Reġjun tad-destinazzjoni**	Kodiċi
	I.11	**Post tad-dispaċċ** Isem Indirizz Pajjiż	Numru tar-Reġistrazzjoni/Approvazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.12**	**Post tad-destinazzjoni** Isem Indirizz Pajjiż	Numru tar-Reġistrazzjoni/ Approvazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.13	**Post tat-tagħbija**		**I.14**	**Data u ħin tat-tluq**	
	I.15	**Mezzi tat-trasport** ☐ Bastiment ☐ Ferrovija Identifikazzjoni Dokument	☐ Inġenju tal-ajru ☐ Vettura tat-triq ☐ Oħrajn	**I.16** **I.17**	**Trasportatur** Isem Indirizz Pajjiż **Dokumenti ta' akkumpanjament** Tip Pajjiż Referenza tad-dokument kummerċjali	Nru tar-Reġistrazzjoni/ tal-Awtorizzazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż Kodiċi Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.18	**Kundizzjonijiet tat-trasport**	☐ Ambjentali	☐ Imkessħa		☐ Iffriżata
	I.19	**Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill** Numru tal-kontenitur		Numru tas-siġill		

▼B

I.20 Ċertifikat bħala jew għal			
☐ Żamma aktar fit-tul	☐ Tbiċċir	☐ Stabbiliment konfinat	☐ Prodotti ġerminali
☐ Annimal ekwin irreġistrat	☐ Ċirklu li jivvjaġġa/spettaklu tal-annimali	☐ Eżibizzjoni	☐ Avveniment jew attività qrib il-fruntieri
☐ Ħelsien fl-ambjent naturali	☐ Ċentru ta' dispaċċ	☐ Żona fejn jinżammu l-molluski/ċentru ta' purifikazzjoni	☐ Stabbiliment tal-akkwakultura ornamentali
☐ Ipproċessar ulterjuri	☐ Fertilizzanti organiċi u tejjieba tal-ħamrija	☐ Użu tekniku	☐ Stabbiliment ta' kwarantina jew simili
☐ Prodotti għall-konsum mill-bniedem	☐ Dakkir	☐ Annimali akkwatiċi ħajjin għall-konsum mill-bniedem	☐ Oħrajn

I.21	☐ **Għal tranżitu permezz ta' pajjiż terz**	
Pajjiż terz		Kodiċi ISO tal-pajjiż
Punt ta' ħruġ		Kodiċi BCP
Punt ta' dħul		Kodiċi BCP

I.22	☐ **Għat-tranżitu minn Stat(i) Membru/i**		**I.23**	☐ **Għall-esportazzjoni**	
	Stat Membru	Kodiċi ISO tal-pajjiż		Pajjiż terz	Kodiċi ISO tal-pajjiż
	Stat Membru	Kodiċi ISO tal-pajjiż		Punt ta' ħruġ	Kodiċi BCP
	Stat Membru	Kodiċi ISO tal-pajjiż			

I.24	**Ħin mistenni tal-ivvjaġġar**	**I.25**	**Reġistru tal-vjaġġ** ☐ iva ☐ le
I.26	**Numru totali ta' pakketti**	**I.27**	**Kwantità totali**
I.28	**Piż totali nett/piż gross (f'kg)**	**I.29**	**Spazju totali previst għall-kunsinna**

I.30 Deskrizzjoni tal-kunsinna

Kodiċi CN	Speċi	Sottospeċi/Kategorija	Sess	Sistema ta' identifikazzjoni	Numru ta' identifikazzjoni	Età	Kwantità Tip
Reġjun ta' oriġini		Maħżen imkessaħ		Marka ta' identifikazzjoni	Tip ta' imballaġġ		Piż nett
Biċċerija		Tip ta' trattament		Natura tal-komodità	Numru ta' pakketti		Nru tal-lott
		Data tal-ġbir/tal-produzzjoni		Impjant tal-manifattura	In-numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru	Test	

▼B

L-UNJONI EWROPEA			Mudell taċ-ċertifikat
Parti II: Ċertifikazzjoni	II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a Referenza tal-IMSOC	II.b Referenza lokali

Uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni	
Isem (b'ittri kbar)	Kwalifika u titolu
Isem l-Unità Lokali ta' Kontroll	Kodiċi tal-Unità Lokali ta' Kontroll
Data	
Timbru	Firma

▼B

<table>
<tr><td colspan="2">L-UNJONI EWROPEA</td><td colspan="3">INTRA</td></tr>
<tr><td rowspan="6">Parti III: Kontrolli</td><td colspan="4">III.1 Data tal-kontrolli uffiċjali</td></tr>
<tr><td colspan="2">III.2 Referenza tal-IMSOC</td><td colspan="2">III.2a Referenza lokali</td></tr>
<tr><td colspan="2">III.3 Verifika ta’ dokumenti
☐ Iva ☐ Le
Standard tal-UE ☐ Iva ☐Le ☐ Sodisfaċenti ☐ Mhux sodisfaċenti
Miżuri nazzjonali ☐ Iva ☐Le ☐ Sodisfaċenti ☐ Mhux sodisfaċenti</td><td colspan="2">III.4 Kontroll tal-identità
☐ Iva ☐ Le
☐ Sodisfaċenti ☐ Mhux sodisfaċenti</td></tr>
<tr><td colspan="2">III.5 Kontroll fiżiku
☐ Iva ☐ Le
L-għadd totali tal-annimali vverifikati:
☐ Sodisfaċenti ☐ Mhux sodisfaċenti</td><td colspan="2">III.6 Test tal-laboratorju
☐ Iva ☐ Le
Data:
Test: ☐ Aleatorju ☐ Suspett ☐ Miżuri ta’ emerġenza
Riżultati tat-test: ☐Pendenti ☐Sodisfaċenti ☐Mhux sodisfacenti</td></tr>
<tr><td colspan="4">III.7 Kontroll tat-trattament xieraq tal-annimali
☐ Iva ☐ Le
☐ Sodisfaċenti ☐ Mhux sodisfaċenti</td></tr>
<tr><td colspan="2">III.8 Nuqqas ta’ konformità mal-leġiżlazzjoni dwar it-trattament xieraq tal-annimali
☐ Idoneità għat-trasport
☐ Mezzi tat-trasport
☐ Prattiki tat-trasport
☐ Limiti taż-żmien tal-vjaġġ
☐ Dispożizzjonijiet addizzjonali għal vjaġġi twal
☐ Spazji permessi
☐ Awtorizzazzjoni tat-trasportatur
☐ Ċertifikat ta’ kompetenza tax-xufier
☐ Rekords tar-reġistru tal-vjaġġi
☐ Oħrajn</td><td colspan="2">III.9 Nuqqas ta’ konformità mal-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa
☐ Ċertifikat invalidu jew nuqqas ta’ ċertifikat
☐ Prova invalida tar-reġistrazzjoni tat-trasportatur
☐ Nuqqas ta’ qbil bejn id-dokumenti tal-identità u dawk ta’ akkumpanjament
☐ Moviment mhux awtorizzat
☐ Reġjun/żona/kompartiment mhux approvati
☐ Stabbiliment mhux approvat
☐ Speċijiet projbiti
☐ Nuqqas ta’ garanziji addizzjonali dwar is-saħħa tal-annimali għall-mard tal-Kategorija C
☐ Annimali morda jew suspettati li huma morda
☐ Riżultat(i) tat-test mhux sodisfaċenti
☐ Identifikazzjoni nieqsa jew mhux konformi
☐ Nuqqas ta’ konformità mal-miżuri nazzjonali
☐ Indirizz tad-destinazzjoni invalidu
☐ Oħrajn</td></tr>
</table>

▼B

III.10	**Impatt tat-trasport fuq l-annimali**	**III.11**	**Azzjoni korrettiva**
Numru ta' annimali mejta:	Stima □	□ Ħatt	
Numru ta' annimali mhux f'sikkithom:	Stima □	□ Trasferiment għal mezz ieħor tat-trasport	
Numru ta' kemm twieldu jew ta' aborti:		□ Kwarantina/iżolament	
		□ Qtil umanitarju/Ewtanażja	
III.12	**Segwitu għall-kwarantina jew għall-iżolament**	□ Qerda tal-karkassi/tal-prodotti	
□ Qtil umanitarju/Ewtanażja		□ Ritorn tal-kunsinna fl-Istat Membru tad-dispaċċ	
□ Ħelsien		□ Trattament tal-annimali jew tal-prodotti	
		□ Użu tal-prodotti għal skop ieħor	
		□ Oħrajn	

III.13	**Post tal-kontrolli uffiċjali**	
□ Stabbiliment irreġistrat		□ Stabbiliment approvat għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ
□ Stabbiliment konfinat		□ Operatur li jwettaq operazzjonijiet ta' assemblaġġ indipendentement minn stabbiliment
□ Post tal-kontroll		□ Stabbiliment tal-prodott ġerminali
□ Port		□ Stabbiliment approvat
□ Punt ta' ħruġ		□ Ajruport
□ Oħrajn		□ Tul ir-rotta

III.14	**Veterinarju uffiċjali**	
Isem (b'ittri kbar)		Kwalifika u titolu
Isem l-Unità Lokali ta' Kontroll		Kodiċi tal-Unità Lokali ta' Kontroll
Data:		Firma

▼B

KAPITOLU 2

NOTI GĦALL-MILI TAL-MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKATI TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI, IĊ-ĊERTIFIKATI UFFIĊJALI U Ċ-ĊERTIFIKATI UFFIĊJALI/TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦAĊ-ĊAQLIQ TA' ANNIMALI U TA' PRODOTTI BEJN L-ISTATI MEMBRI JEW FI HDAN L-UNJONI

Ġenerali

Sabiex tagħżel pożittivament kwalunkwe għażla, jekk jogħġbok immarka l-kaxxa rilevanti b'salib (x).

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor jew stabbilit mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, l-entrati jew il-kaxxi kollha japplikaw għall-mudell taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, iċ-ċertifikati uffiċjali u ċ-ċertifikati uffiċjali/tas-saħħa tal-annimali fil-Kapitolu 1.

Il-kopji stampati ta' ċertifikat elettroniku għandu jkollhom tikketta unika ottika li tinqara mill-magni u li twassal għall-verżjoni elettronika permezz ta' iperlink.

Tista' tintgħażel biss waħda mill-għażliet fil-kaxex I.18 u I.20.

Fejn kaxxa tippermetti li ssir għażla waħda jew aktar, l-għażla/għażliet magħżula biss tintwera/jintwerew fil-verżjoni elettronika taċ-ċertifikat.

Meta kaxxa ma tkunx obbligatorja, il-kontenut tagħha għandu jidher ingassat.

PARTI I — DESKRIZZJONI TAL-KUNSINNA

Kaxxa	Deskrizzjoni
I.1	**Konsenjatur**
	Indika l-isem u l-indirizz, il-pajjiż u l-kodiċi ISO tal-pajjiż ([1]) tal-persuna fiżika jew ġuridika li qed tibgħat il-kunsinna.
I.2	**Referenza tal-IMSOC**
	Dan huwa l-kodiċi alfanumeriku uniku assenjat mill-IMSOC. Ripetut fil-kaxxi II.a u III.2
I.2a	**Referenza lokali**
	Indika l-kodiċi alfanumeriku uniku li l-awtorità kompetenti tista' tassenja. Ripetut fil-kaxxi II.b u III.2a
I.3	**Awtorità ċentrali kompetenti**
	Indika isem l-Awtorità ċentrali kompetenti fil-pajjiż li qed joħroġ iċ-ċertifikat.
I.4	**Awtorità kompetenti lokali**
	Indika l-isem l-awtorità kompetenti lokali fil-pajjiż li qed joħroġ iċ-ċertifikat.
I.5	**Konsenjatarju**
	Indika l-isem u l-indirizz, il-pajjiż u l-kodiċi ISO tal-pajjiż tal-persuna fiżika jew ġuridika li għaliha hija maħsuba l-kunsinna fil-pajjiż tad-destinazzjoni.

▼B

I.6	**Operatur li jwettaq operazzjonijiet ta' assemblaġġ indipendentement minn stabbiliment**
	Din tikkonċerna operaturi li jwettqu operazzjonijiet ta' assemblaġġ għall-ungulati u għat-tjur tat-trobbija miżmuma, indipendentement minn stabbiliment, kif imsemmi fl-Artikolu 90 tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). Indika n-numru tar-reġistrazzjoni u isem l-operatur irreġistrat.
I.7	**Pajjiż ta' oriġini**
	Indika l-isem u l-kodiċi tal-pajjiż ISO tal-pajjiż minn fejn joriġinaw l-annimali jew il-prodotti (prodotti ġerminali, prodotti ta' oriġini mill-annimali u prodotti sekondarji mill-annimali).
I.8	**Reġjun ta' oriġini**
	Fejn rilevanti, għall-moviment ta' annimali jew ta' prodotti li jkunu affettwati minn miżuri ta' reġjonalizzazzjoni f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, indika l-kodiċi tar-reġjuni jew taż-żoni approvati kif indikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, jew isem il-kompartimenti għall-mard tal-annimali akkwatiċi kif elenkati fuq http://ec.europa.eu/food/animal/liveanimals/aquaculture/index_en.htm
I.9	**Pajjiż tad-destinazzjoni**
	Indika l-isem u l-kodiċi ISO tal-pajjiż tal-pajjiż li għalih huma ddestinati l-annimali jew il-prodotti.
I.10	**Reġjun tad-destinazzjoni**
	Ara l-kaxxa I.8
I.11	**Post tad-dispaċċ**
	Indika l-isem u l-indirizz, il-pajjiż u l-kodiċi ISO tal-pajjiż tal-istabbiliment(i), jew fejn rilevanti post(ijiet) ieħor/oħra, minn fejn ikunu ġejjin l-annimali jew il-prodotti. Meta japplika, indika wkoll in-numru tar-reġistrazzjoni jew tal-approvazzjoni tal-istabbiliment(i). Għall-annimali: indika l-istabbiliment fejn jinżammu b'mod regolari jew fejn jiġu assemblati l-annimali. Għal semen, għal ovoċiti jew għal embrijuni maħsuba għar-riproduzzjoni artifiċjali: indika kif xieraq iċ-ċentru għall-ġbir tas-semen, it-tim għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni, l-istabbiliment għall-ipproċessar tal-prodott ġerminali, iċ-ċentru għall-ħżin tal-prodott ġerminali jew l-istabbiliment konfinat. Fil-każ ta' semen ta' annimali ovini u kaprini, il-post tad-dispaċċ jista' jkun l-istabbiliment li jżomm annimali donaturi. Għal prodotti oħra: kwalunkwe unità ta' kumpanija fis-settur tal-ikel jew tal-prodotti sekondarji mill-annimali. Irid jissemma biss l-istabbiliment li jibgħat il-prodotti.
I.12	**Post tad-destinazzjoni**
	Indika l-isem u l-indirizz, il-pajjiż u l-kodiċi ISO tal-pajjiż tal-istabbiliment, jew fejn rilevanti post ieħor, fejn ikunu se jitwasslu l-annimali jew il-prodotti għall-ħatt finali. Meta japplika, indika wkoll in-numru tar-reġistrazzjoni jew tal-approvazzjoni tal-istabbiliment ta' destinazzjoni.

▼B

I.13	**Post tat-tagħbija**
	Għall-annimali biss: indika l-isem u l-indirizz tal-post fejn l-annimali jitgħabbew fil-mezz tat-trasport, u fil-każ li jiġu assemblati minn qabel, l-isem u l-indirizz tal-istabbiliment approvat għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ u n-numru tal-approvazzjoni tiegħu. Għall-prodotti: indika l-isem, l-indirizz u l-kategorija (pereżempju, stabbiliment, port jew ajruport) tal-post finali fejn il-prodotti jkunu se jitgħabbew fil-mezz tat-trasport.
I.14	**Data u ħin tat-tluq**
	Indika d-data u, meta meħtieġ, il-ħin, meta l-annimali jew il-prodotti jkunu skedati li jitilqu mill-post tat-tagħbija.
I.15	**Mezzi tat-trasport**
	Agħżel wieħed jew aktar mill-mezzi tat-trasport li ġejjin għall-annimali jew għall-prodotti li jkunu se jitilqu mill-pajjiż tad-dispaċċ, u indika l-identifikazzjoni(jiet) tagħhom: — inġenju tal-ajru (indika n-numru tat-titjira); — bastiment (indika l-isem u n-numru tal-bastiment. Fil-każ ta' bastimenti tal-bhejjem, indika n-numru uniku taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni); — ferrovija (indika n-numru tal-identità tat-tren u n-numru tal-vagun); — vettura tat-triq (indika n-numru tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni bil-pjanċa tan-numru tat-trejler, jekk applikabbli. Fil-każ ta' vettura tat-triq li tintuża għal vjaġġi twal, indika wkoll in-numru uniku taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni). — oħrajn (mezzi tat-trasport minbarra dawk imsemmija fil-punt (n) tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 ([3])) Fil-każ ta' mezz ta' trasport tul korp tal-ilma, agħżel "bastiment" u identifika l-vettura/i tat-triq permezz tan-numru tar-reġistrazzjoni (flimkien man-numru tat-trejler, jekk applikabbli), minbarra l-isem u n-numru tal-mezz ta' trasport tul korp tal-ilma skedat.
I.16	**Trasportatur**
	Din il-kaxxa tapplika biss għal annimali u għal prodotti fejn dan ikun meħtieġ mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Indika l-isem, l-indirizz, il-pajjiż u l-kodiċi ISO tal-pajjiż tal-persuna/i fiżika/fiżiċi jew ġuridika/ġuridiċi responsabbli mit-trasport. Indika n-numru tar-reġistrazzjoni jew tal-awtorizzazzjoni, fejn applikabbli.
I.17	**Dokumenti ta' akkumpanjament**
	Indika t-tip ta' dokument: pereżempju permess CITES f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 ([4]), permess għal speċijiet aljeni invażivi (IAS) f'konformità mal-Artikolu 8(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), dikjarazzjonijiet jew dokumenti oħra inklużi ta' natura kummerċjali. Indika l-kodiċi uniku tad-dokumenti ta' akkumpanjament u tal-pajjiż ta' ħruġ.

▼B

	Referenzi tad-dokumenti kummerċjali: pereżempju indika n-numru tal-polza tal-ajru, in-numru tal-polza ta' kargu jew in-numru kummerċjali tal-ferrovija jew tal-vettura tat-triq. Għall-prodotti (prodotti ta' oriġini mill-annimali u prodotti sekondarji mill-annimali): indika r-referenza tad-dokument kummerċjali fejn din tkun meħtieġa mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Għas-semen, l-ovoċiti jew l-embrijuni intiżi għar-riproduzzjoni artifiċjali mibgħuta minn stabbilimenti għall-ipproċessar ta' prodotti ġerminali u ċentri għall-ħżin ta' prodotti ġerminali: indika r-referenza tad-dokument(i) jew ċertifikat(i) uffiċjali inizjali li jakkumpanjaw is-semen, l-ovoċiti u/jew l-embrijuni ta' din il-kunsinna lil dawk l-istabbilimenti ta' proċessar tal-prodotti ġerminali u ċ-ċentri ta' ħżin tal-prodotti ġerminali minn: — iċ-ċentru għall-ġbir tas-semen fejn inġabar is-semen u/jew — it-tim tal-ġbir jew tal-produzzjoni tal-embrijuni li jiġbor jew jipproduċi l-ovoċiti jew l-embrijuni, u/jew — l-istabbiliment għall-ipproċessar tal-prodott ġerminali fejn ikunu ġew ipproċessati u nħażnu s-semen, l-ovoċiti jew l-embrijuni, u/jew — iċ-ċentru għall-ħżin tal-prodott ġerminali fejn ikunu nħażnu s-semen, l-ovoċiti jew l-embrijuni. Għall-klieb, għall-qtates u għall-inmsa, u fejn applikabbli għall-ekwidi: indika n-numru tal-passaport. Għall-annimali ta' speċijiet protetti: indika n-numru tal-permess CITES. Għall-ungulati mibgħuta minn stabbiliment approvat għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ: indika n-numru/i tas-serje tad-dokument(i) u/jew taċ-ċertifikat(i) uffiċjali li abbażi tiegħu/tagħhom jinħareġ iċ-ċertifikat għal din il-kunsinna.
I.18	**Kundizzjonijiet tat-trasport**
	Indika l-kategorija tat-temperatura meħtieġa matul it-trasport ta' prodotti (ambjentali, imkessħa, iffriżata). Din il-kaxxa ma tapplikax għall-annimali.
I.19	**Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**
	Fejn japplika, indika n-numru tal-kontenitur u n-numru tas-siġill (tista' tindika iktar minn numru wieħed). In-numru tal-kontenitur irid ikun ipprovdut jekk l-oġġetti jkunu ttrasportati f'kontenituri magħluqa. In-numru uffiċjali tas-siġill biss irid jiġi ddikjarat. Numru tas-siġill uffiċjali japplika jekk siġill jitwaħħal fuq il-kontenitur, fuq it-trakk jew fuq il-vagun tal-ferrovija taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti li toħroġ iċ-ċertifikat.
I.20	**Ċertifikat bħala jew għal**
	Agħżel l-iskop tal-moviment tal-annimali, l-użu maħsub tal-merkanzija jew il-kategorija kif speċifikata fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni:

▼B

	Fertilizzanti organiċi u tejjieba tal-ħamrija: tikkonċerna ċerti prodotti sekondarji jew prodotti derivati kif imsemmija fir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]).
	Użu tekniku: prodotti sekondarji mill-annimali jew prodotti derivati li mhumiex tajbin għall-konsum mill-bniedem jew mill-annimali, kif imsemmi fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009.
	Wirja: tikkonċerna annimali maħsuba għal wirja u għal avvenimenti sportivi, kulturali jew simili f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.
	Prodotti għall-konsum mill-bniedem: tikkonċerna biss prodotti ta' oriġini mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem li għalihom il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni teħtieġ ċertifikat.
	Ipproċessar ulterjuri: tikkonċerna prodotti li jridu jiġu pproċessati aktar qabel ma jitqiegħdu fis-suq kif ukoll annimali akkwatiċi ħajjin u prodotti ta' oriġini mill-annimali minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin, li huma ddestinati għal stabbiliment tal-ikel akkwatiku għall-kontroll tal-mard kif iddefinit fl-Artikolu 4(52) tar-Regolament (UE) 2016/429.
	Annimali akkwatiċi ħajjin għall-konsum mill-bniedem: annimali akkwatiċi maħsuba għall-konsum dirett mill-bniedem, jiġifieri annimali akkwatiċi li jitwasslu lill-konsumatur finali ħajjin jew ikkonsmati ħajjin.
	Stabbiliment konfinat: kif definit fl-Artikolu 4(48) tar-Regolament (UE) 2016/429.
	Stabbiliment ta' kwarantina jew simili: kif previst fl-Artikolu 14 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035 ([7]) fir-rigward tal-annimali terrestri u fl-Artikolu 15 jew fl-Artikolu 16 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/691 ([8]) fir-rigward tal-annimali tal-akkwakultura.
	Ċirklu li jivvjaġġa /eżibizzjoni tal-annimali: kif iddefinit fl-Artikolu 2(34) u (35), rispettivament, tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035.
	Ħelsien fl-ambjent naturali: tikkonċerna biss annimali ħajjin, li għandhom jinħelsu fl-ambjent naturali fil-post tad-destinazzjoni.
	Annimali ekwini reġistrati: skont id-definizzjoni fl-Artikolu 2(30) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035.
	Żamma aktar fit-tul: annimali maħsuba għal stabbilimenti li jżommu annimali ħajjin inkluż dawk maħsuba għar-riċerka jew għal dawk li jżommu l-annimali domestiċi, ħlief jekk ikunu japplikaw għalihom skop jew kategorija aktar speċifiċi minn I.20 (eż. stabbilimenti ta' kwarantina, konfinati eċċ.). Tinkludi wkoll annimali, li huma maħsuba sabiex jerġgħu jibnu l-istokk ta' provvisti tal-kaċċa salvaġġa jew sabiex jinħelsu fl-ambjent naturali, jekk dawk ikunu maħsuba biex jgħaddu minn stabbiliment qabel ma jinħelsu.
	Ċentru ta' purifikazzjoni: kif iddefinit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/691.
	Ċentru ta' dispaċċ: skont id-definizzjoni fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/691.
	Żona fejn jinżammu l-molluski: skont id-definizzjoni fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/691.
	Stabbiliment tal-akkwakultura ornamentali: kif previst fl-Artikolu 17 jew fl-Artikolu 18 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/691.
	Tbiċċir: għal annimali maħsubin għal biċċerija, jew direttament jew permezz ta' stabbiliment approvat għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ.

▼B

	Prodotti ġerminali: skont id-definizzjoni fl-Artikolu 4(28) tar-Regolament (UE) 2016/429. Avveniment jew attività qrib il-fruntieri: tikkonċerna l-movimenti ta' annimali terrestri miżmuma bejn l-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 139 tar-Regolament (UE) 2016/429 fejn tali movimenti jkunu għal: — użu rikreattiv qrib il-fruntieri; — esibizzjonijiet, u avvenimenti sportivi, kulturali u oħrajn simili, organizzati qrib il-fruntieri; — ragħa ta' annimali terrestri miżmuma f'mergħat maqsuma bejn l-Istati Membri; — xogħol magħmul minn annimali terrestri miżmuma qrib il-fruntieri tal-Istati Membri. Oħra: maħsuba għal skopijiet mhux elenkati band'oħra f'din il-klassifikazzjoni, inklużi annimali akkwatiċi maħsuba għal lixka tas-sajd.
I.21	**Għal tranżitu permezz ta' pajjiż terz**
	Indika l-isem u l-kodiċi ISO tal-pajjiż terz ta' tranżitu fil-każ tat-trasport bit-triq. Agħżel il-post ta' kontroll fuq il-fruntiera ta' ħruġ jew indika l-isem tal-awtorità lokali tal-post li fih jinsab il-punt ta' ħruġ. Agħżel il-post ta' kontroll fuq il-fruntiera ta' dħul fl-Unjoni.
I.22	**Għat-tranżitu minn Stati Membri**
	Indika l-isem u l-kodiċi ISO tal-pajjiż tal-Istat(i) Membru/i ta' tranżitu fil-każ tat-trasport bit-triq.
I.23	**Għall-esportazzjoni**
	Indika l-isem u l-kodiċi ISO tal-pajjiż terz tad-destinazzjoni u agħżel il-post ta' kontroll fuq il-fruntiera ta' ħruġ jew indika l-isem tal-awtorità lokali tal-post li fih jinsab il-punt ta' ħruġ.
I.24	**Hin mistenni tal-ivvjaġġar**
	Din il-kaxxa tapplika biss għal annimali li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 u tirreferi għad-durata mistennija tal-vjaġġ intenzjonat iddikjarat mit-trasportatur fid-dokumentazzjoni tat-trasport f'konformità mal-Artikolu 4(1)(e) tiegħu. L-informazzjoni mdaħħla f'din il-kaxxa għandha tikkorrispondi għad-durata totali mistennija ddikjarata fit-Taqsima 1 tal-ippjanar tar-reġistru tal-vjaġġ stabbilit fl-Anness II għal dak ir-Regolament, fil-każ ta' ekwidi domestiċi għajr ekwidi rreġistrati u annimali domestiċi ta' speċijiet bovini, ovini, kaprini u porċini soġġetti għal vjaġġi twal bejn l-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi (kif iddefiniti fil-punt (m) tal-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament).

▼B

I.25	**Reġistru tal-vjaġġ**
	Din il-kaxxa tapplika biss għal ekwidi domestiċi għajr ekwidi reġistrati u annimali domestiċi ta' speċijiet bovini, ovini, kaprini u porċini soġġetti għal vjaġġi twal bejn l-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi, kif iddefiniti fil-punt (m) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1/2005. Billi timmarka "iva", l-IMSOC awtomatikament tiġġenera r-reġistru tal-vjaġġ li għandu jimtela u jiġi ppreżentat mill-organizzatur tal-vjaġġ f'konformità mal-Anness II għal dak ir-Regolament.
I.26	**Numru totali ta' pakketti**
	Indika n-numru totali u t-tip ta' pakketti fil-kunsinna, fejn xieraq. Għall-annimali: in-numru ta' kaxxi, ta' gaġeġ, ta' kontenituri, ta' tankijiet, ta' kaxxi tan-naħal jew ta' stalel li fihom qed jiġu ttrasportati l-annimali. Għas-semen, għall-ovoċiti u għall-embrijuni intenzjonati għar-riproduzzjoni artifiċjali: in-numru ta' kontenituri. Għall-prodotti: in-numru ta' pakketti. Fil-każ ta' kunsinni bl-ingrossa, din il-kaxxa mhijiex obbligatorja.
I.27	**Kwantità totali**
	Għall-annimali terrestri jew għall-prodotti ġerminali: indika kif xieraq in-numru totali ta' rjus, ta' bajd għat-tfaqqis jew ta' tubi straw espressi bħala unitajiet. Għall-annimali akkwatiċi: indika kif xieraq, in-numru totali ta' annimali, ta' bajd jew ta' larvi espress bħala unitajiet.
I.28	**Piż totali nett/piż gross (f'kg)**
	Il-piż nett totali huwa l-massa tal-annimali jew tal-oġġetti nfushom, mingħajr il-kontenituri immedjati jew kwalunkwe imballaġġ. Jiġi kkalkolat awtomatikament mill-IMSOC fuq il-bażi tal-informazzjoni mdaħħla fil-kaxxa I.30. Il-piż nett iddikjarat tal-ikel miksi għandu jkun mingħajr il-kisi. Indika l-piż gross totali, jiġifieri l-massa aggregata tal-annimali jew tal-oġġetti, flimkien mal-kontenituri immedjati u l-imballaġġ kollu tagħhom, iżda mingħajr il-kontenituri tat-trasport u tagħmir ieħor tat-trasport.
I.29	**Spazju totali previst għall-kunsinna (f'm2)**
	Din il-kaxxa tapplika biss għall-annimali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1/2005. L-allokazzjonijiet tal-ispazju matul it-trasport għandhom tal-anqas jikkonformaw maċ-ċifri stipulati, fir-rigward tal-annimali u tal-mezzi tat-trasport imsemmija, fil-Kapitolu VII tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1/2005. L-informazzjoni mdaħħla f'din il-kaxxa għandha tikkorrispondi għall-ispazju totali previst għall-kunsinna ddikjarat fit-Taqsima 1 tal-ippjanar tar-reġistru tal-vjaġġ stabbilit fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 1/2005, fil-każ ta' ekwidi domestiċi għajr ekwidi reġistrati u annimali domestiċi ta' speċijiet bovini, ovini, kaprini u porċini soġġetti għal vjaġġi twal bejn l-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi (kif iddefiniti fil-punt (m) tal-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament).

▼B

I.30	**Deskrizzjoni tal-kunsinna**
	Iddikjara kwalunkwe rekwiżit speċifiku relatat mal-annimali jew mannatura/mal-ipproċessar tal-prodotti kif iddefinit fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni. Għall-annimali: indika l-ispeċi, il-kategorija, il-metodu ta' identifikazzjoni, in-numru ta' identifikazzjoni, l-età, is-sess, il-kwantità jew il-piż nett, u t-test. Għan-naħal tal-għasel u għan-naħal bagħli, indika waħda minn dawn li ġejjin: irġejjen b'massimu ta' 20 attendent, kolonji bidduqqajs jew oħrajn. Għall-annimali akkwatiċi, indika n-numru, il-volum jew il-piż nett, kif xieraq għall-istadju tal-ħajja tagħhom. Għas-semen, għall-ovoċiti u għall-embrijuni intenzjonati għar-riproduzzjoni artifiċjali: indika — it-tip (semen, embrijuni derivati *in vivo*, ovoċiti derivati *in vivo*, embrijuni prodotti *in vitro* jew embrijuni mikromanipulati); — id-data tal-ġbir jew tal-produzzjoni; — in-numru tal-approvazzjoni tal-istabbiliment tal-ġbir jew tal-produzzjoni (iċ-ċentru għall-ġbir tas-semen, it-tim għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni, l-istabbiliment għall-ipproċessar tal-prodott ġerminali, iċ-ċentru għall-ħżin tal-prodott ġerminali jew l-istabbiliment konfinat). Fil-każ ta' semen ta' annimali ovini u kaprini miġbur fl-istabbiliment ta' oriġini tagħhom, indika n-numru tar-reġistrazzjoni ta' dak l-istabbiliment; — il-marka ta' identifikazzjoni fuq it-tubu straw jew fuq pakkett ieħor; — il-kwantità; — l-ispeċi, is-subspeċi (għall-annimali minn stabbilimenti konfinati, jekk meħtieġ) u n-numru ta' identifikazzjoni tal-annimal(i) donatur(i). Għall-prodotti: indika l-ispeċi, it-tipi ta' prodotti, it-tip ta' trattament, in-numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-istabbilimenti flimkien mal-kodiċi ISO tal-pajjiż (biċċerija, impjant tal-ipproċessar, maħżen imkessaħ, ċentru tal-ġbir), in-numru ta' pakketti, it-tip ta' imballaġġ, in-numru tal-lott, il-piż nett. Speċi: indika l-isem xjentifiku jew kif iddefinit f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Tip ta' imballaġġ: identifika t-tip ta' imballaġġ skont id-definizzjoni mogħtija fir-Rakkomandazzjoni Nru 21 [9] tan-NU/CEFACT (Ċentru tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iffaċilitar tal-Kummerċ u għan-Negozju Elettroniku).

PARTI II – Ċertifikazzjoni

Kaxxa	Deskrizzjoni
	L-Unjoni Ewropea
	Din il-kaxxa tirreferi għall-pajjiżi emittenti.
	Mudell taċ-ċertifikat
	Din il-kaxxa tirreferi għat-titlu speċifiku ta' kull mudell taċ-ċertifikat.

▼B

II.	**Informazzjoni dwar is-saħħa**
	Din il-kaxxa tirreferi għar-rekwiżiti speċifiċi tal-Unjoni dwar is-saħħa li jkunu applikabbli għall-ispeċi tal-annimali jew għan-natura tal-prodotti ttrasportati bejn l-Istati Membri jew fi ħdan l-Unjoni.
II.a	**Referenza tal-IMSOC**
	Dan huwa l-kodiċi alfanumeriku uniku indikat fil-kaxxa I.2.
II.b	**Referenza lokali**
	Dan huwa l-kodiċi alfanumeriku uniku indikat fil-kaxxa I.2a.
	Uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni
	Din il-kaxxa tirreferi għall-firma tal-uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni kif iddefinit fil-punt (26) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]). Indika l-isem bl-ittri kapitali, il-kwalifika u t-titlu, fejn applikabbli, tal-firmatarju, u l-isem u l-kodiċi tal-unità ta' kontroll, it-timbru oriġinali tal-awtorità kompetenti li l-firmatarju huwa assoċjat magħha u d-data tal-firma.

PARTI III – Kontrolli

Kaxxa	Deskrizzjoni
III.1	**Data tal-kontrolli uffiċjali**
	Indika d-data meta l-veterinarju uffiċjali kif iddefinit fil-punt (32) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2017/625 ikun wettaq il-kontrolli uffiċjali fuq il-kunsinna.
III.2	**Referenza tal-IMSOC**
	Dan huwa l-kodiċi alfanumeriku uniku indikat fil-kaxxa I.2.
III.2a	**Referenza lokali**
	Dan huwa l-kodiċi alfanumeriku uniku indikat fil-kaxxa I.2.a.
III.3	**Verifika ta' dokumenti**
	Dan huwa l-eżami taċ-ċertifikati, tal-attestazzjonijiet uffiċjali u ta' dokumenti oħra li jinkludu dokumenti ta' natura kummerċjali, li huma meħtieġa li jakkumpanjaw il-kunsinna, sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, inklużi l-garanziji addizzjonali dwar is-saħħa tal-annimali għall-mard tal-Kategorija Ċ kif iddefiniti fil-punt (3) tal-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 ([11]). Dan jinkludi wkoll il-verifika tal-konformità mal-miżuri nazzjonali kif rilevanti f'konformità mal-Artikolu 226 tar-Regolament (UE) 2016/429. In-nuqqas ta' konformità mal-miżuri nazzjonali jfisser li l-kunsinna mhijiex sodisfaċenti. Immarka "iva" jew "le" skont kif ikun xieraq.

▼B

III.4	**Kontroll tal-identità**
	Din hija spezzjoni viżwali sabiex jiġi vverifikat li l-kontenut u t-tikkettar tal-kunsinna, inklużi l-marki fuq l-annimali, is-siġilli u l-mezzi tat-trasport, jikkorrispondu għall-informazzjoni pprovduta fiċ-ċertifikat u f'dokumenti oħra li jakkumpanjawh. Immarka "iva" jew "le" skont kif ikun xieraq.
III.5	**Kontroll fiżiku**
	Din tirreferi għal kontroll fuq l-annimali jew fuq il-prodotti, u, kif xieraq, kontroll fuq l-imballaġġ, fuq il-mezz tat-trasport, fuq it-tikkettar u fuq it-temperatura, it-teħid ta' kampjuni għall-analiżi, għall-ittestjar jew għad-dijanjożi, u kwalunkwe kontroll ieħor meħtieġ għall-verifika tal-konformità mar-regoli applikabbli. Immarka "iva" jew "le" skont kif ikun xieraq. Iddikjara n-numru tal-annimali vverifikati.
III.6	**Test tal-laboratorju**
	Immarka "iva" jekk ikun sar test. Ittestjati għal: agħżel il-kategorija tas-sustanza jew tal-patoġenu li għalih ikun sar test tal-laboratorju. — immarka "aleatorju" fejn il-kunsinna ma tkunx miżmuma sakemm ikun hemm riżultat tat-test. — immarka "suspett" fejn l-annimali jew il-prodotti jkunu ssuspettati li ma jkunux konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni (inklużi każijiet li fihom annimali jkunu ssuspettati li jkollhom marda jew li juru sinjali ta' mard), u jinżammu sakemm ikun hemm riżultat. — immarka "miżuri ta' emerġenza" meta l-annimali jew il-prodotti jiġu ttestjati skont miżuri ta' emerġenza nazzjonali jew tal-Unjoni applikabbli u jinżammu sakemm ikun hemm riżultat. Riżultati tat-test: — immarka "pendenti" meta jkun għadu ma ħariġx riżultat tat-test; — immarka "sodisfaċenti" jew "mhux sodisfaċenti" meta jkun disponibbli r-riżultat tat-test.
III.7	**Kontroll tat-trattament xieraq tal-annimali**
	Din il-kaxxa tapplika biss għall-annimali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1/2005. Immarka "le" meta l-annimali ma jkunx sarilhom kontroll tat-trattament xieraq tal-annimali. Immarka "sodisfaċenti" jew "mhux sodisfaċenti" meta jkunu disponibbli r-riżultati tal-kontrolli fuq l-annimali u fuq il-kundizzjonijiet tat-trasport mal-wasla.

▼B

III.8	**Nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni dwar it-trattament xieraq tal-annimali**
	Immarka l-kaxxa/i xierqa skont in-natura tan-nuqqas(ijiet) ta' konformità stabbilit(i) fir-rigward tal-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 1/2005: — l-idoneità għat-trasport (Anness I, Kapitolu I u Kapitolu VI, paragrafu 1.9); — il-mezz tat-trasport (Anness I, Kapitoli II u IV); — il-prattiki tat-trasport (Anness I, Kapitolu III); — il-limiti taż-żmien tal-ivvjaġġar (Anness I, Kapitolu V); — dispożizzjonijiet addizzjonali għal vjaġġ twil (Anness I, Kapitolu VI); — il-konċessjonijiet ta' spazju (Anness I, Kapitolu VII); — l-awtorizzazzjoni tat-trasportatur (Artikolu 6); — iċ-ċertifikat ta' kompetenza tax-xufier (Artikolu 6(5)); — ir-rekords tar-reġistru tal-vjaġġ (fil-każ ta' informazzjoni nieqsa jew inkonsistenti fir-reġistru tal-vjaġġ); — oħrajn (fejn ma jkun applikabbli l-ebda wieħed min-nuqqasijiet ta' konformità msemmija hawn fuq, kompluti kif meħtieġ).
III.9	**Nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa**
	Immarka l-kaxxa/i xierqa skont in-natura tan-nuqqas(ijiet) ta' konformità stabbilit(i): — Ċertifikat invalidu jew nuqqas ta' ċertifikat (meta kunsinna tiġi ttrasportata mingħajr ċertifikazzjoni jew notifika minn qabel); — Prova invalida tar-reġistrazzjoni tat-trasportatur; — Nuqqas ta' qbil bejn id-dokumenti tal-identità u dawk ta' akkumpanjament; — Moviment mhux awtorizzat (meta miżura ta' emerġenza tal-Unjoni jew nazzjonali taffettwa l-pajjiż(i) għall-ispeċijiet taħt kunsiderazzjoni); — Reġjun/żona/kompartiment mhux approvati; — Stabbiliment mhux approvat; — Speċi pprojbita (ipprojbita fi Stat Membru jew protetta mis-CITES); — Nuqqas ta' garanziji addizzjonali dwar is-saħħa tal-annimali għall-mard tal-Kategorija Ċ; — Annimali morda jew suspettati li huma morda; — Riżultat(i) tat-test mhux sodisfaċenti; — Identifikazzjoni nieqsa jew mhux konformi; — Nuqqas ta' konformità mal-miżuri nazzjonali; — Indirizz tad-destinazzjoni invalidu; — Oħrajn (fejn ma jkun applikabbli l-ebda wieħed min-nuqqasijiet ta' konformità msemmija hawn fuq, kompluti kif meħtieġ).
III.10	**Impatt tat-trasport fuq l-annimali**
	Din il-kaxxa tapplika biss għall-annimali. Numru ta' annimali mejtin: indika kemm mietu annimali.

▼B

	Numru ta' annimali mhux f'sikkithom: indika kemm annimali ma kinux f'sikkithom biżżejjed sabiex jivvjaġġaw. Numru ta' kemm twieldu jew ta' aborti: indika kemm-il mara welldet jew korriet matul it-trasport. Fil-każ ta' annimali mwassla f'numri kbar (flieles ta' ġurnata, ħut, molluski, eċċ.), agħti stima tan-numru ta' annimali mejtin jew mhux f'sikkithom kif rilevanti.
III.11	**Azzjoni korrettiva**
	Indika kwalunkwe deċiżjoni meħuda sabiex jiġi rrimedjat nuqqas ta' konformità stabbilit wieħed jew aktar minn fost dawk indikati fil-kaxxi III. 8 u III. 9, f'konformità mal-Artikolu 138(2) tar-Regolament (UE) 2017/625: — Ħatt: il-ħatt tal-annimali u ż-żamma tagħhom f'akkommodazzjoni xierqa b'kura xierqa sakemm il-problema tiġi riżolta; — Trasferiment f'mezz ieħor tat-trasport: it-trasferiment tal-kunsinna tal-annimali jew ta' parti minnha minn mezz tat-trasport li ma jissodisfax ir-rekwiżiti legali għal wieħed li jissodisfahom; — Kwarantina/iżolament; — Qtil umanitaju/ewtanażja (dment li jkunu l-aktar miżura xierqa sabiex tissalvagwardja s-saħħa tal-bniedem u s-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali); — Qerda tal-karkassi/tal-prodotti; — Ritorn tal-kunsinna fl-Istat Membru tad-dispaċċ; — Trattament tal-annimali jew tal-prodotti; — L-użu tal-prodotti għal finijiet oħrajn minbarra dawk li għalihom kienu maħsuba oriġinarjament; — Oħrajn (fejn ma tkun applikabbli l-ebda waħda mill-azzjonijiet imsemmija aktar 'il fuq, kompluti kif meħtieġ).
III.12	**Segwitu għall-kwarantina jew għall-iżolament**
	Għall-annimali terrestri: agħżel "qtil umanitarju/ewtanażja" jew "ħelsien" tal-annimali skont ir-riżultati tal-eżamijiet matul il-kwarantina. Għall-annimali tal-akkwakultura: agħżel "qtil umanitarju/ewtanażja" jew "ħelsien" tal-annimali skont ir-riżultati tal-eżamijiet matul l-iżolament fi stabbiliment approvat f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/691.
III.13	**Post tal-kontrolli uffiċjali**
	Agħżel post ta' spezzjoni: — Stabbiliment reġistrat; — Stabbiliment approvat; — Stabbiliment approvat għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ; — Operatur li jwettaq operazzjonijiet ta' assemblaġġ indipendentement minn stabbiliment; — Stabbiliment konfinat;

▼B

	— Stabbiliment tal-prodott ġerminali; — Post tal-kontroll; — Port; — Ajruport; — Tul ir-rotta; — Punt ta' ħruġ; — "Oħrajn" (meta ma tkun tapplika l-ebda waħda mir-raġunijiet imsemmija aktar 'il fuq).
III.14	**Veterinarju uffiċjali**
	Din il-kaxxa tirreferi għall-firma tal-veterinarju uffiċjali kif iddefinit fil-punt (32) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2017/625. Indika l-isem bl-ittri kapitali, il-kwalifika u t-titlu, fejn applikabbli, l-isem u l-kodiċi tal-unità ta' kontroll u d-data tal-firma.

(1) Il-kodiċi internazzjonali standard b'żewġ ittri għal pajjiż f'konformità mal-istandard internazzjonali ISO 3166 alpha-2; http://www.iso.org/iso/country_codes/iso-3166-1_decoding_table.htm

(2) Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") (ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1).

(3) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 (ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1).

(4) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom (ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1).

(5) Ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 35).

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1).

(7) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035 tat-28 ta' Ġunju 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-regoli għall-istabbilimenti li jżommu l-annimali terrestri u l-imfaqas, u t-traċċabbiltà ta' ċerti annimali terrestri miżmuma u tal-bajd għat-tifqis (ĠU L 314, 5.12.2019, p. 115).

(8) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/691 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għal stabbilimenti tal-akkwakultura u trasportaturi ta' annimali akkwatiċi (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 345).

(9) L-aħħar verżjoni: http://www.unece.org/uncefact/codelistrecs.html

(10) Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).

(11) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21).

▼B

KAPITOLU 3

MUDELL STANDARD TAĊ-ĊERTIFIKATI TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI, IĊ-ĊERTIFIKATI UFFIĊJALI U Ċ-ĊERTIFIKATI UFFIĊJALI/TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' ANNIMALI, TA' PRODOTTI TA' ORIĠINI MILL-ANNIMALI, TA' PRODOTTI KOMPOSTI, TA' PRODOTTI ĠERMINALI, TA' PRODOTTI SEKONDARJI MILL-ANNIMALI, TA' NEBBIETA MAĦSUBA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM U TA' ŻRIERAGĦ MAĦSUBA GĦALL-PRODUZZJONI TA' NEBBIETA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM

PAJJIŻ						**Ċertifikat lill-UE**	
Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna	**I.1**	**Konsenjatur/ Esportatur** Isem Indirizz Pajjiż	Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.2**	**Referenza taċ-ċertifikat**	**I.2a**	**Referenza tal-IMSOC**
				I.3	**Awtorità Ċentrali Kompetenti**		**KODIĊI QR**
				I.4	**Awtorità Kompetenti Lokali**		
	I.5	**Destinatarju/ Importatur** Isem Indirizz Pajjiż	Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.6**	**Operatur responsabbli għall-kunsinna** Isem Indirizz Pajjiż		Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.7	**Pajjiż ta' oriġini**	Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.9**	**Pajjiż tad-destinazzjoni**		Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.8	**Reġjun ta' oriġini**	Kodiċi	**I.10**	**Reġjun tad-destinazzjoni**		Kodiċi
	I.11	**Post tad-dispaċċ** Isem Indirizz Pajjiż	Numru tar-Reġistrazzjoni/ Approvazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.12**	**Post tad-destinazzjoni** Isem Indirizz Pajjiż		Numru tar-Reġistrazzjoni/ Approvazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.13	**Post tat-tagħbija**		**I.14**	**Data u ħin tat-tluq**		
	I.15	**Mezzi tat-trasport** ☐ Inġenju tal-ajru ☐ Bastiment ☐ Ferrovija ☐ Vettura tat-triq Identifikazzjoni		**I.16**	**Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera ta' Dħul**		
				I.17	**Dokumenti ta' akkumpanjament** Tip Pajjiż Referenza tad-dokument kummerċjali		Kodiċi Kodiċi ISO tal-pajjiż

▼B

I.18	**Kundizzjonijiet tat-trasport**	☐ Ambjentali	☐ Imkessħa	☐ Iffriżata
I.19	**Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill** Numru tal-kontenitur		Numru tas-siġill	
I.20	**Ċertifikat bħala jew għal**			
	☐ Prodotti għall-konsum mill-bniedem	☐ Użu farmaċewtiku	☐ Użu tekniku	☐ Ipproċessar ulterjuri
	☐ Għalf	☐ Kampjuni tal-kummerċ	☐ Industrija tal-ikel ippreżervat fil-laned	☐ Ikel għall-annimali domestiċi
	☐ Żamma aktar fit-tul	☐ Prodotti ġerminali	☐ Annimal ekwin irreġistrat	☐ Fertilizzanti organiċi u tejjieba tal-ħamrija
	☐ Tbiċċir	☐ Stabbiliment konfinat	☐ Ħelsien fl-ambjent naturali	☐ Ċirklu li jivvjaġġa/spettaklu tal-annimali
	☐ Annimali akkwatiċi ħajjin għall-konsum mill-bniedem	☐ Stabbiliment ta' kwarantina	☐ Eżibizzjoni	☐ Stabbiliment tal-akkwakultura ornamentali
	☐ Ċentru ta' dispaċċ	☐ Żona fejn jinżammu l-molluski/ċentru ta' purifikazzjoni	☐ Oħrajn	

I.21	☐ **Għat-tranżitu** Pajjiż terz	Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.22** ☐ **Għas-suq intern** **I.23** ☐ **Għal dħul mill-ġdid**

I.24	**Numru totali ta' pakketti**	**I.25**	**Kwantità totali**	**I.26**	**Piż totali nett/piż gross (f'kg)**

I.27	**Deskrizzjoni tal-kunsinna**						
Kodiċi CN	Speċi	Sottospeċi/ Kategorija	Sess	Sistema ta' identifikazz-joni	Numru ta' identifikazzjoni	Età	Kwantità Tip Piż nett
		Maħżen imkessaħ		Marka ta' identifikazz-joni	Tip ta' imballaġġ		
Biċċerija		Tip ta' trattament		Natura tal-komodità	Numru ta' pakketti		Nru tal-lott
☐Konsumatur finali		Data tal-ġbir/tal-produzzjoni		Impjant tal-manifattura	In-numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/ taċ-ċentru	Test	

▼B

PAJJIŻ			Mudell taċ-ċertifikat
Parti II: Ċertifikazzjoni	II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a Referenza taċ-ċertifikat	II.b Referenza tal-IMSOC
	Uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni Isem (b'ittri kbar) Data Timbru	Kwalifika u titolu Firma	

▼B

KAPITOLU 4

NOTI GĦALL-MILI TAl-MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKATI TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI, IĊ-ĊERTIFIKATI UFFIĊJALI U Ċ-ĊERTIFIKATI UFFIĊJALI/TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' ANNIMALI, TA' PRODOTTI TA' ORIĠINI MILL-ANNIMALI, TA' PRODOTTI KOMPOSTI, TA' PRODOTTI ĠERMINALI, TA' PRODOTTI SEKONDARJI MILL-ANNIMALI, TA' NEBBIETA MAĦSUBA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM U TA' ŻRIERAGĦ MAĦSUBA GĦALL-PRODUZZJONI TA' NEBBIETA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM

Ġenerali

Sabiex tagħżel pożittivament kwalunkwe għażla, jekk jogħġbok immarka l-kaxxa rilevanti b'salib (x).

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor jew stabbilit mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, l-entrati jew il-kaxxi kollha japplikaw għall-mudell taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, iċ-ċertifikati uffiċjali u ċ-ċertifikati uffiċjali/tas-saħħa tal-annimali fil-Kapitolu 3.

Meta kaxxa ma tkunx obbligatorja, il-kontenut tagħha għandu jidher ingassat.

Tista' tintgħażel biss waħda mill-għażliet fil-kaxex I.18 u I.20.

Tista' tingħażel kaxxa waħda biss mill-kaxxi I.21 sa I.23.

Fejn kaxxa tippermetti li ssir għażla waħda jew aktar, l-għażla/għażliet magħżula biss tintwera/jintwerew fil-verżjoni elettronika taċ-ċertifikat.

PARTI I — DESKRIZZJONI TAL-KUNSINNA

Kaxxa	Deskrizzjoni
	Pajjiż
	Indika l-isem tal-pajjiż terz li joħroġ iċ-ċertifikat.
I.1	**Konsenjatur/Esportatur**
	Indika l-isem u l-indirizz, il-pajjiż u l-kodiċi ISO tal-pajjiż ([1]) tal-persuna fiżika jew ġuridika li qed tibgħat il-kunsinna. Din il-persuna għandha tkun stabbilita f'pajjiż terz, ħlief għad-dħul mill-ġdid ta' kunsinni li joriġinaw fl-Unjoni.
I.2	**Referenza taċ-ċertifikat**
	Indika l -kodiċi alfanumeriku uniku assenjat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz. Din il-kaxxa mhijiex obbligatorja għaċ-ċertifikati ppreżentati fl-IMSOC. Ripetuta fil-kaxxa II.a
I.2a	**Referenza tal-IMSOC**
	Dan huwa l-kodiċi alfanumeriku uniku assenjat mill-IMSOC. Ripetuta fil-kaxxa II.b Din il-kaxxa m'għandhiex timtela jekk iċ-ċertifikat ma jkunx sottomess fl-IMSOC.
I.3	**Awtorità ċentrali kompetenti**
	Indika isem l-awtorità ċentrali fil-pajjiż terz li joħroġ iċ-ċertifikat.

▼B

I.4	**Awtorità kompetenti lokali**
	Indika, meta applikabbli, isem l-awtorità lokali fil-pajjiż terz li joħroġ iċ-ċertifikat.
I.5	**Destinatarju/Importatur**
	Indika l-isem u l-indirizz tal-persuna fiżika jew ġuridika li għaliha hija ddestinata l-kunsinna fl-Istat Membru jew fil-pajjiż terz tad-destinazzjoni fil-każ ta' tranżitu. Din il-kaxxa mhijiex obbligatorja għall-kunsinni fi tranżitu minn ġewwa l-Unjoni.
I.6	**Operatur responsabbli għall-kunsinna**
	Indika l-isem u l-indirizz, il-kodiċi tal-pajjiż u l-kodiċi ISO tal-pajjiż tal-persuna fiżika jew ġuridika fl-Istat Membru li tkun inkarigata mill-kunsinna meta din tiġi ppreżentata fil-Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera (BCP) u li tagħmel id-dikjarazzjonijiet meħtieġa lill-awtoritajiet kompetenti bħala l-importatur jew f'isem l-importatur. Dan l-operatur jista' jkun l-istess bħal dak indikat fil-kaxxa I.5. Għall-prodotti fi tranżitu mill-Unjoni: din il-kaxxa hija obbligatorja. Għal ċerti annimali: din il-kaxxa hija obbligatorja jekk tkun meħtieġa mil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni. Għal annimali u prodotti għat-tqegħid fis-suq: din il-kaxxa mhijiex obbligatorja.
I.7	**Pajjiż ta' oriġini**
	Għall-prodotti: indika l-isem u l-kodiċi ISO tal-pajjiż fejn l-oġġetti ġew prodotti, immanifatturati jew imballati (ittikkettati bil-marka ta' identifikazzjoni). Għall-annimali: indika l-pajjiż ta' residenza matul il-perjodu meħtieġ kif stabbilit fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni. Għaż-żwiemel reġistrati li jidħlu mill-ġdid fl-Unjoni wara l-esportazzjoni temporanja għal kompetizzjoni, għal tiġrijiet taż-żwiemel, jew li huma mistiedna għal avvenimenti kulturali speċifiċi f'ċerti pajjiżi terzi, indika l-pajjiż minn fejn kienu kkonsenjati l-aħħar. Fil-każ ta' kummerċ li jinvolvi aktar minn pajjiż terz wieħed (kummerċ trijangolari), irid jimtela ċertifikat separat għal kull pajjiż ta' oriġini.
I.8	**Reġjun ta' oriġini**
	Fejn rilevanti, għall-moviment ta' annimali jew ta' prodotti li jkunu affettwati minn miżuri ta' reġjonalizzazzjoni f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, indika l-kodiċi tar-reġjuni, taż-żoni jew tal-kompartimenti approvati kif indikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
I.9	**Pajjiż tad-destinazzjoni**
	Indika l-isem u l-kodiċi ISO tal-pajjiż tal-Istat Membru tad-destinazzjoni tal-annimali jew tal-prodotti. Jekk il-prodotti jkunu fi tranżitu, l-isem u l-kodiċi ISO tal-pajjiż terz tad-destinazzjoni.

▼B

I.10	**Reġjun tad-destinazzjoni**
	Ara l-kaxxa I.8
I.11	**Post tad-dispaċċ**
	Indika l-isem u l-indirizz, il-pajjiż u l-kodiċi ISO tal-pajjiż tal-istabbiliment(i) minn fejn ikunu ġejjin l-annimali jew il-prodotti. Meta meħtieġ mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, indika n-numru tar-reġistrazzjoni jew tal-approvazzjoni. Għall-annimali: indika l-istabbiliment fejn jinżammu b'mod regolari l-annimali. Għal semen, għal ovoċiti jew għal embrijuni maħsuba għar-riproduzzjoni artifiċjali, indika kif xieraq iċ-ċentru għall-ġbir tas-semen, it-tim għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni, l-istabbiliment għall-ipproċessar tal-prodott ġerminali, iċ-ċentru għall-ħżin tal-prodott ġerminali jew l-istabbiliment konfinat. Fil-każ ta' semen ta' annimali ovini u kaprini, il-post tad-dispaċċ jista' jkun l-istabbiliment li jżomm annimali donaturi. Għal ċerti prodotti tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 ([2]): il-post tad-dispaċċ jista' jkun bastiment. Għal prodotti oħra: kwalunkwe unità ta' kumpanija fis-settur tal-ikel jew tal-prodotti sekondarji mill-annimali. Irid jissemma biss l-istabbiliment li jibgħat il-prodotti. Fil-każ ta' kummerċ li jinvolvi aktar minn pajjiż terz wieħed (kummerċ trijangolari), il-post tad-dispaċċ ikun l-aħħar stabbiliment ta' pajjiż terz fil-katina ta' esportazzjoni li minnu l-kunsinna finali tiġi ttrasportata lejn l-Unjoni Ewropea.
I.12	**Post tad-destinazzjoni**
	Indika l-isem u l-indirizz, il-kodiċi tal-pajjiż u l-kodiċi ISO tal-pajjiż, tal-post fejn qed titwassal il-kunsinna għall-ħatt finali. Meta japplika, indika wkoll in-numru tar-reġistrazzjoni jew tal-approvazzjoni tal-istabbiliment ta' destinazzjoni. Għall-ħżin tal-prodotti fi tranżitu: indika l-isem, l-indirizz u n-numru tal-approvazzjoni tal-maħżen kif iddefinit fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2124 ([3]). Din il-kaxxa ma tkunx obbligatorja fil-każ ta' tranżitu mingħajr ħżin ta' prodotti.
I.13	**Post tat-tagħbija**
	Għall-annimali: indika l-isem u l-indirizz tal-post fejn l-annimali jitgħabbew fil-mezz tat-trasport, u fil-każ li jiġu assemblati minn qabel, l-isem u l-indirizz tal-istabbiliment għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ. Għall-prodotti: indika l-isem, l-indirizz u l-kategorija (pereżempju, stabbiliment, port jew ajruport) tal-post finali fejn il-prodotti jkunu se jitgħabbew fil-mezz tat-trasport għall-vjaġġ lejn l-Unjoni Ewropea. Fil-każ ta' kontenitur, iddikjara fejn irid jitqiegħed abbord il-mezz finali tat-trasport lejn l-Unjoni Ewropea. Fil-każ ta' mezz ta' trasport tul korp tal-ilma, indika l-post fejn it-trakk għandu jittella' abbord.

▼B

I.14	**Data u ħin tat-tluq**
	Għall-annimali: id-data u l-ħin li fihom l-annimali huma skedati li jitilqu fil-mezzi tat-trasport tagħhom (ajruplan, bastiment, ferrovija jew vettura tat-triq). Għall-prodotti: id-data meta jitilqu l-mezzi tat-trasport (inġenju tal-ajru, bastiment, ferrovija jew vettura tat-triq).
I.15	**Mezzi tat-trasport**
	Agħżel wieħed jew aktar mill-mezzi tat-trasport li ġejjin għall-annimali jew għall-oġġetti li jkunu se jitilqu mill-pajjiż tad-dispaċċ, u indika l-identifikazzjoni: — inġenju tal-ajru (indika n-numru tat-titjira); — bastiment (indika l-isem u n-numru tal-bastiment); — ferrovija (indika n-numru tal-identità tat-tren u n-numru tal-vagun); — vettura tat-triq (indika n-numru ta' reġistrazzjoni bin-numru tat-trejler, jekk japplik). Fil-każ ta' mezz ta' trasport tul korp tal-ilma, agħżel "bastiment" u identifika l-vettura/i tat-triq permezz tan-numru tar-reġistrazzjoni (flimkien man-numru tat-trejler, jekk applikabbli), minbarra l-isem u n-numru tal-mezz ta' trasport tul korp tal-ilma skedat.
I.16	**Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera ta' Dħul**
	Indika l-isem tal-BCP ta' dħul fl-Unjoni għal ċertifikati li ma jkunux ġew sottomessi fl-IMSOC jew agħżel l-isem tal-BCP ta' dħul fl-Unjoni u l-kodiċi alfanumeriku uniku tiegħu assenjat mill-IMSOC.
I.17	**Dokumenti ta' akkumpanjament**
	Indika t-tip ta' dokument meħtieġ: pereżempju permess CITES, permess għal speċijiet aljeni invażivi (IAS), dikjarazzjonijiet jew dokumenti oħra inklużi ta' natura kummerċjali. Indika l-kodiċi uniku tad-dokumenti ta' akkumpanjament meħtieġa u tal-pajjiż ta' ħruġ. Referenzi tad-dokumenti kummerċjali: pereżempju indika n-numru tal-polza tal-ajru, in-numru tal-polza ta' kargu jew in-numru kummerċjali tal-ferrovija jew tal-vettura tat-triq.
I.18	**Kundizzjonijiet tat-trasport**
	Indika l-kategorija tat-temperatura meħtieġa matul it-trasport ta' prodotti (ambjentali, imkessħa, iffriżata). Din il-kaxxa ma tapplikax għall-annimali.
I.19	**Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**
	Fejn japplika, indika n-numru tal-kontenitur u n-numru tas-siġill (tista' tindika iktar minn numru wieħed). In-numru tal-kontenitur irid ikun ipprovdut jekk l-oġġetti jkunu ttrasportati f'kontenituri magħluqa.

▼B

	In-numru uffiċjali tas-siġill biss irid jiġi ddikjarat. Siġill uffiċjali japplika jekk siġill jitwaħħal fuq il-kontenitur, fuq it-trakk jew fuq il-vagun tal-ferrovija taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti li toħroġ iċ-ċertifikat.

▼M5

I.20	**Ċertifikat bħala jew għal**
	Agħżel l-iskop tal-moviment tal-annimali, l-użu maħsub tal-merkanzija jew il-kategorija kif speċifikata fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni: Għalf: tikkonċerna biss il-prodotti sekondarji tal-annimali maħsuba għall-għalf tal-annimali tar-razzett kif imsemmija fl-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]). Ikel għall-annimali domestiċi: tikkonċerna biss il-prodotti sekondarji tal-annimali maħsuba għall-użu bħala ikel għall-annimali domestiċi jew għall-manifattura ta' ikel għall-annimali domestiċi kif imsemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009. Fertilizzanti organiċi u tejjieba tal-ħamrija: tikkonċerna ċerti prodotti sekondarji tal-annimali jew prodotti derivati kif imsemmi fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009. Użu tekniku: prodotti sekondarji tal-annimali jew prodotti derivati li mhumiex tajbin għall-konsum mill-bniedem jew mill-annimali, kif imsemmi fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009. Użu farmaċewtiku: prodotti sekondarji tal-annimali li mhumiex tajbin għall-konsum mill-bniedem jew mill-annimali, kif imsemmi fl-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009. Kampjuni tal-kummerċ: kif iddefinit fil-punt 39 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 ([5]). Esibizzjoni: tikkonċerna annimali maħsuba għal esibizzjoni u għal avvenimenti sportivi, kulturali jew simili jew oġġetti għall-wiri kif iddefinit fil-punt 34 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 142/2011. Industrija tal-ikel ippreżervat fil-laned: tikkonċerna l-prodotti għall-konsum mill-bniedem, (pereżempju t-tonn) speċifikament maħsuba biss għall-industrija tal-ikel ippreżervat fil-laned. Prodotti għall-konsum mill-bniedem: tikkonċerna biss il-prodotti ta' oriġini mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem li għalihom il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni teħtieġ ċertifikat tas-saħħa tal-annimali, ċertifikat uffiċjali jew ċertifikat uffiċjali/tas-saħħa tal-annimali. Ipproċessar ulterjuri: tikkonċerna l-prodotti li jridu jiġu pproċessati aktar qabel ma jitqiegħdu fis-suq kif ukoll l-annimali akkwatiċi ħajjin u l-prodotti ta' oriġini mill-annimali minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin, li huma ddestinati għal stabbiliment tal-ikel akkwatiku għall-kontroll tal-mard kif iddefinit fl-Artikolu 4, il-punt (52) tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Annimali akkwatiċi ħajjin għall-konsum mill-bniedem: annimali akkwatiċi maħsuba għall-konsum dirett mill-bniedem, jiġifieri annimali akkwatiċi li jitwasslu lill-konsumatur finali ħajjin jew ikkonsmati ħajjin. Stabbiliment konfinat: kif iddefinit fl-Artikolu 4, il-punt (48) tar-Regolament (UE) 2016/429. Stabbiliment ta' kwarantina: kif previst fl-Artikolu 14 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035 ([6]) fir-rigward tal-annimali terrestri u fl-Artikolu 15 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/691 ([7]) fir-rigward tal-annimali tal-akkwakultura.

▼M5

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika, li l-kunsinna ta' **laħam frisk** deskritta fil-Parti I:

II.2.1. waslet fiż-żona doganali tal-ajruport ta' Singapore, f'kaxex tal-kartun b'tal-anqas siġill wieħed għal kontra t-tbagħbis fuq l-imballaġġ ta' barra ta' kull kaxxa tal-kartun b'tali mod li l-kaxex tal-kartun ma jistgħux jinfetħu mingħajr ma tal-anqas jinqered jew jiġi danneġġat siġill wieħed, u

II.2.2. immedjatament wara l-ħatt minn fuq l-ajruplan, ġiet soġġetta għal verifika dokumentarja u tal-identità u, jekk applikabbli, għal verifika fiżika(3) mill-awtorità kompetenti ta' Singapore, u

II.2.3. inħażnet fi stabbiliment approvat fiż-żona doganali ta' Singapore(4), u

---

A Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tat-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

B Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1901 tal-20 ta' Ottubru 2015 li tistabbilixxi regoli ta' ċertifikazzjoni u mudell ta' ċertifikat tas-saħħa għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' kunsinni ta' annimali ħajjin u ta' prodotti tal-annimali minn New Zealand u li tħassar id-Deċiżjoni 2003/56/KE (ĠU L 277, 22.10. 2015, p. 32).

▼M5

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat NZ-TRANSIT-SG**

	II.2.4. tgħabbiet mill-ġdid f'kontejner reefer fi stabbiliment approvat fiż-żona doganali ta' Singapore taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti ta' Singapore, u il-kontejner reefer ġie: II.2.5. issiġillat mill-awtorità doganali ta' Singapore, għat-trasport mill-istabbiliment approvat lejn il-port marittimu ta' Singapore, u II.2.6. issiġillat mill-awtorità kompetenti ta' Singapore, għat-trasport mill-istabbiliment approvat sal-wasla fl-ewwel post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-Unjoni. **Noti** F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'dan iċ-ċertifikat jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq. Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għall-kunsinni tal-komoditajiet li ġejjin li joriġinaw minn New Zealand u li New Zealand huwa awtorizzat idaħħalhom fl-Unjoni, li jkunu akkumpanjati mill-mudell xieraq taċ-ċertifikat veterinarju maħruġ mill-awtorità kompetenti ta' New Zealand, destinat għall-Unjoni u li jinħattu, jitgħabbew mill-ġdid u jitqiegħdu fi tranżitu bi ħżin jew mingħajrha minn Singapore: Laħam frisk, inkluż laħam ikkapuljat, tal-ispeċijiet li ġejjin (kif iddefiniti fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 [C]): (1) annimali bovini; (2) annimali ovini u annimali kaprini; (3) razez domestiċi ta' annimali porċini; (4) annimali ekwini; Laħam frisk, eskluż il-ġewwieni u l-laħam ikkapuljat, tal-ispeċijiet li ġejjin (kif iddefiniti fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692): (1) annimali tal-familja Bovidae (minbarra annimali bovini, annimali ovini, annimali kaprini), annimali kamelidi u annimali ċervidi miżmuma bħala kaċċa mrobbija; (2) annimali selvaġġi tal-familja Bovidae (minbarra annimali bovini, annimali ovini, annimali kaprini), annimali kamelidi selvaġġi u annimali ċervidi selvaġġi; (3) annimali miżmuma bħala kaċċa mrobbija ta' razez selvaġġi ta' annimali porċini u annimali tal-familja Tayassuidae; (4) annimali selvaġġi ta' razez selvaġġi ta' annimali porċini u annimali selvaġġi tal-familja Tayassuidae; Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235.

[C] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379)

▼M5

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat NZ-TRANSIT-SG**

Parti I:

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.7: Pajjiż tal-oriġini hawnhekk ifisser il-pajjiż tad-dispaċċ: Singapore.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.27: Deskrizzjoni tal-kunsinna:

Natura tal-komodità: Indika "karkassa-sħiħa", "karkassa-ġenb", "karkassa-kwarti", "qatgħat" jew "laħam ikkapuljat". Numru tal-approvazzjoni: Indika l-istabbilimenti approvati fi New Zealand.

Parti II:

(1) Għall-kunsinni tal-laħam frisk li għalihom ġiet determinata ekwivalenza skont il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u New Zealand (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/132/KE [D]), il-mudell taċ-ċertifikat veterinarju xieraq huwa stabbilit fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1901 [E].

(2) Laħam frisk kif iddefinit fil-Punt 1.10 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

(3) F'każi eċċezzjonali li jistgħu jippreżentaw riskju għas-saħħa pubblika u tal-annimali jew meta jkunu ssuspettati xi irregolaritajiet, għandhom isiru verifiki fiżiċi addizzjonali.

(4) Ħassar jekk il-kunsinna tgħabbiet mill-ġdid mingħajr ħżin.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kbar)

Data Kwalifika u titolu

Timbru Firma

D Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/132/KE tas-17 ta' Diċembru 1996 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u New Zealand dwar miżuri sanitarji applikabbli għal-kummerċ f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali (ĠU L 57, 26.2.1997, p. 4).

E Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1901 tal-20 ta' Ottubru 2015 li tistabbilixxi regoli ta' ċertifikazzjoni u mudell ta' ċertifikat tas-saħħa għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' kunsinni ta' annimali ħajjin u ta' prodotti tal-annimali minn New Zealand u li tħassar id-Deċiżjoni 2003/56/KE (ĠU L 277, 22.10.2015, p. 32).

▼M5

KAPITOLU 13

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI/UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' LAĦAM FRISK MAĦSUB GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM, MINBARRA IL-LAĦAM IKKAPULJAT U L-LAĦAM SEPARAT MEKKANIKAMENT, TAT-TJUR GĦAJR IR-RATITI (MUDELL POU)

PAJJIŻ				**Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali lill-UE**			
Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna	**I.1**	**Konsenjatur/Esportatur** Isem Indirizz Pajjiż	Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.2**	**Referenza taċ-ċertifikat**	**I.2a**	**Referenza tal-IMSOC** **KODIĊI QR**
				I.3	**Awtorità Kompetenti Ċentrali**		
				I.4	**Awtorità Kompetenti Lokali**		
	I.5	**Konsenjatarju/Importatur** Isem Indirizz Pajjiż	Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.6**	**Operatur responsabbli għall-kunsinna** Isem Indirizz Pajjiż		Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.7	**Pajjiż tal-oriġini**	Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.9**	**Pajjiż tad-destinazzjoni**		Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.8	**Reġjun tal-oriġini**	Kodiċi	**I.10**	**Reġjun tad-destinazzjoni**		Kodiċi
	I.11	**Post tad-dispaċċ** Isem Indirizz Pajjiż	Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.12**	**Post tad-destinazzjoni** Isem Indirizz Pajjiż		Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.13	**Post tat-tagħbija**		**I.14**	**Data u ħin tat-tluq**		
	I.15	**Mezz tat-trasport** ☐ Inġenju tal-ajru ☐ Bastiment ☐ Ferrovija ☐ Vettura tat-triq Identifikazzjoni		**I.16**	**Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul**		
				I.17	**Dokumenti ta' akkumpanjament** Tip Pajjiż Referenza tad-dokument kummerċjali		Kodiċi Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.18	**Kundizzjonijiet tat-trasport**	☐ Ambjentali	☐ Imkessħa		☐ Iffriżati	
	I.19	**Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill** Nru tal-kontenitur		Nru tas-siġill			
	I.20	**Ċertifikat bħala jew għal** ☐ Prodotti għall-konsum mill-bniedem					
	I.21	☐ **Għat-tranżitu** Pajjiż terz	Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.22**	☐ **Għas-suq intern**		
				I.23			

▼M5

I.24	**Għadd totali ta' pakketti**		**I.25**	**Kwantità totali**	**I.26**	**Piż nett/piż gross totali (f'kg)**
I.27	**Deskrizzjoni tal-kunsinna**					
Kodiċi NM	Speċi	Subspeċi/Kategorija				
		Maħżen imkessaħ		Marka ta' identifikazzjoni		Piż nett
Biċċerija					Għadd ta' pakketti	Nru tal-lott
		Data tal-ġbir/tal-produzzjoni			Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru	

▼M5

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat POU**

Parti II: Ċertifikazzjoni	**II. Informazzjoni dwar is-Saħħa**	**II.a**	**Referenza taċ-ċertifikat**	**II.b**	**Referenza tal-IMSOC**

II.1. Attestazzjoni tas-saħħa pubblika [ħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-laħam frisk]

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li konxju tar-rekwiżiti relevanti tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [A], tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [B], tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/624 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 [C] u b'dan niċċertifika li l-laħam frisk(1) tat-tjur għajr ir-ratiti deskritt fil-Parti I inkiseb f'konformità ma' dawn ir-rekwiżiti, u b'mod partikolari li:

(a) il-laħam ġej minn stabbiliment(i) li japplika(w) rekwiżiti ġenerali tal-iġjene u li jimplimenta(w) programm ibbażat fuq il-prinċipji tal-analiżi tal-perikli u punti kritiċi ta' kontroll (HACCP) f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, awditjat(i) regolarment mill-awtoritajiet kompetenti u elenkat(i) bħala stabbiliment(i) approvat(i) mill-UE;

(b) ġie prodott skont il-kundizzjonijiet stipulati fit-Taqsimiet II u V tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(c) instab li huwa tajjeb għall-konsum mill-bniedem wara spezzjonijiet ante mortem u post mortem li saru f'konformità mal-Artikoli 8 sa 14, 25, 33, 35 sa 38 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627, mal-Artikoli 3, 5 sa 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/624;

(d) ġie mmarkat b'marka ta' identifikazzjoni f'konformità mat-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(e) jissodisfa l-kriterji rilevanti stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 [D];

A Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

B Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 Dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

C Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 tal-15 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 51).

D Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1).

▼M5

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat POU**

(f) il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom ipprovduti mill-pjanijiet dwar ir-residwi li ġew sottomessi f'konformità mal-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE [E], huma ssodisfati u l-annimali u l-prodotti kkonċernati huma elenkati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE [F] għall-pajjiż tal-oriġini kkonċernat;

(g) ġie prodott taħt kundizzjonijiet li jiggarantixxu l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi għall-pestiċidi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [G], u mal-livelli massimi għall-kontaminanti stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 [H];

[2][(h) jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1688/2005 [I].]

II.2. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan qed niċċertifika li l-laħam frisk[1] tat-tjur għajr ir-ratiti deskritt f'dan iċ-ċertifikat:

II.2.1. inkiseb fiż-żona bil-kodiċi: ……[3] li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat:

(a) hija awtorizzata u elenkata fil-Parti 1 tal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 [J] għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk tat-tjur għajr ir-ratiti;

(b) twettaq programm ta' sorveljanza tal-mard għall-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'konformità mal-Artikolu 141, il-punt (a) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 [K];

(c) hija meqjusa ħielsa minn influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'konformità mal-Artikolu 38 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

(d) hija meqjusa ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

E Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10).

F Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

G Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).

H Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li tiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).

I Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1688/2005 tal-14 ta' Ottubru 2005 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' garanziji speċjali li jikkonċernaw is-salmonella għall-konsenji lejn il-Finlandja u l-Iżvezja ta' ċertu laħam u bajd (ĠU L 271, 15.10.2005, p. 17).

J Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tat-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

K Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379)

▼M5

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat POU**

	II.2.2. inkiseb fiż-żona msemmija fil-punt II.2.1, li fiha: (4)jew [(a) ma jsirx tilqim kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja;] (4)(5)jew [(a) it-tilqim kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jsir f'konformità ma' programm ta' tilqim li jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XIII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;] (4)jew [(b) it-tilqim kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle b'vaċċini li ma jikkonformawx kemm mal-kriterji ġenerali kif ukoll ma' dawk speċifiċi tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 huwa pprojbit;] (4)(6)jew [(b) it-tilqim kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle b'vaċċini li jikkonformaw biss mal-kriterji ġenerali tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 mhijiex ipprojbita, u l-laħam frisk inkiseb minn tjur li: (i) ma tlaqqmux b'vaċċini ħajjin attenwati imħejjija miż-żerriegħa ewlenija tal-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle li turi patoġeniċità ogħla mir-razez lentoġeniċi tal-virus fi żmien it-30 jum qabel id-data tat-tbiċċir; (ii) ikun sarilhom test ta' iżolament virali(7) għall-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle, imwettaq fil-mument tat-tbiċċir fuq kampjun aleatorju ta' swabs kloakali minn tal-anqas 60 għasfur f'kull qatgħa kkonċernata, u li fih ma jkun instab l-ebda paramissovirus tat-tjur b'ICPI ta' aktar minn 0,4; (iii) ma ġewx f'kuntatt tul il-perjodu ta' 30 jum qabel id-data tat-tbiċċir ma' tjur li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet f'(i) u fi (ii);] II.2.3. inkiseb minn annimali li ġejjin minn stabbilimenti: (a) irreġistrati minn u fil-kontroll tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini u li għandhom sistema fis-seħħ sabiex iżommu u jaġġornaw rekords aġġornati f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692; (b) li jirċievu żjarat regolari tas-saħħa tal-annimali minn veterinarju għall-fini ta' detezzjoni ta', u ta' informazzjoni dwar, sinjali li jindikaw l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u mard emerġenti; (c) li fihom u madwarhom, f'żona b'raġġ ta' 10 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma tkun seħħet l-ebda tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jew ta' infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle matul il-perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tat-tbiċċir;

▼M5

PAJJIŻ	Mudell taċ-ċertifikat POU
	(d) li, fil-ħin tat-tbiċċir tal-annimali, ma kinux soġġetti għal miżuri nazzjonali ta' restrizzjoni għal raġunijiet tas-saħħa tal-annimali, inkluż, il-mard relevanti elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u mard emerġenti; II.2.4. inkiseb minn annimali li: (4) jew [(a) baqgħu fiż-żona msemmija fil-punt II.2.1 minn meta faqqsu u sad-data tat-tbiċċir;] (4) jew [(a) ġew importati fiż-żona msemmija fil-punt II.2.1 bħala flieles ta' ġurnata, tjur tat-tnissil, tjur produttiv jew tjur maħsub għat-tbiċċir, skont rekwiżiti dwar is-saħħa tal-annimali li jkunu tal-anqas stretti daqs ir-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (UE) 2016/429 u tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, minn: (4) jew [żona li hija elenkata fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 għad-dħul fl-Unjoni ta' dawk il-komoditajiet;] (4) jew [Stat Membru;]] (4) jew [(b) ma jkunux tlaqqmu kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja;] (4)(5) jew [(b) ikunu tlaqqmu kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'konformità ma' programm ta' tilqim li jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XIII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;] (4) jew [(c) ma jkunux tlaqqmu kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle fil-perjodu ta' 30 jum qabel id-data tat-tbiċċir;] (4) jew [(c) ikunu tlaqqmu kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle fil-perjodu ta' 30 jum qabel id-data tat-tbiċċir, b'vaċċini li jikkonformaw kemm mal-kriterji ġenerali kif ukoll ma' dawk speċifiċi tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;] (d) ma wrewx sintomi ta' mard li jittieħed fil-ħin tat-tbiċċir; (e) intbagħtu direttament mill-istabbiliment ta' oriġini tagħhom lejn il-biċċerija; (f) waqt it-trasport tagħhom lejn il-biċċerija: (i) ma għaddewx minn żona mhux elenkata għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk tat-tjur għajr ir-ratiti; (ii) ma ġewx f'kuntatt ma' annimali bi status tas-saħħa aktar baxx; (g) intbagħtu mill-istabbiliment ta' oriġini tagħhom lejn biċċerija approvata f'mezz tat-trasport: (i) li nbena b'tali mod li l-annimali ma jkunux jistgħu jaħarbu jew jaqgħu minnu; (ii) li fih ikun possibbli li ssir spezzjoni viżwali tal-ispazju fejn jinżammu l-annimali; (iii) li minnu l-ħruġ ta' eskrementi tal-annimali, ta' mifrex, ta' għalf jew ta' rix jkun evitat jew imminimizzat;

▼M5

PAJJIŻ	Mudell taċ-ċertifikat POU
	(iv) li tnaddaf u ġie ddiżinfettat b'diżinfettant awtorizzat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew tat-territorju tad-dispaċċ, u mnixxef jew imħolli jinxef immedjatament qabel kull tagħbija ta' annimali maħsuba għad-dħul fl-Unjoni; II.2.5. inkiseb minn annimali li tbiċċru [fi ___/___/____ (jj/xx/ssss)][4][8] [bejn ___/___/____ (jj/xx/ssss) u ___/___/____ (jj/xx/ssss)] [4][8]; II.2.6. ma nkisibx minn annimali li tbiċċru taħt programm nazzjonali għall-qerda tal-mard; II.2.7. inkiseb f'biċċerija: (a) li fiż-żmien tat-tbiċċir, ma kinitx b'restrizzjonijiet dovuti għal tifqigħa tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jew tal-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle jew b'restrizzjonijiet uffiċjali skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali għal raġunijiet relatati mas-saħħa tal-annimali; (b) fi ħdan raġġ ta' 10 km li minnu, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma tkun seħħet l-ebda tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jew ta' infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle matul il-perjodu minimu ta' 30 jum qabel id-data tat-tbiċċir; II.2.8. ġie segregat b'mod strett minn laħam frisk li ma jikkonformax mar-rekwiżiti dwar is-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk tat-tjur għajr ir-ratiti matul l-operazzjonijiet tat-tbiċċir, tal-qtugħ u sakemm: [4] jew [ġie imballat għal ħżin ulterjuri;] [4] jew [tgħabba, bħala laħam frisk mhux imballat, fuq il-mezz tat-trasport għad-dispaċċ lejn l-Unjoni;] II.2.9. jintbagħat lejn l-Unjoni: (a) f'mezz ta' trasport imfassal, mibni u miżmum f'tali kundizzjoni li l-istatus tas-saħħa tal-prodotti ma jkunx ipperikolat matul it-trasport lejn l-Unjoni; (b) separat minn annimali u minn prodotti ta' oriġini mill-annimali li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti rilevanti dwar is-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni stipulati fir-Regolament Delegat (UE) 2020/692; [9][II.2.10. huwa maħsub għal Stat Membru li ngħata l-istatus ta' ħieles mill-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle mingħajr tilqim f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 [L], u nkiseb minn tjur li ma tlaqqmux kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle b'vaċċin ħaj matul il-perjodu ta' 30 jum qabel id-data tat-tbiċċir].

[L] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għas-sorveljanza, għall-programmi ta' eradikazzjoni u għall-istat ta' ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat u emerġenti (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 211).

▼M5

PAJJIŻ — Mudell taċ-ċertifikat POU

II.3. Attestazzjoni tat-trattament xieraq tal-annimali [ħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali]

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika li l-laħam deskritt fil-Parti I huwa derivat minn annimali li ġew ittrattati fil-biċċerija f'konformità mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali fil-ħin tal-qatla jew tal-anqas ma' rekwiżiti ekwivalenti.

Noti

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'dan iċ-ċertifikat jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk tat-tjur għajr ir-ratiti, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali ta' dak il-prodott.

L-esklużjoni ta' laħam ikkapuljat u ta' laħam separat mekkanikament tissemma espliċitament fit-titolu sabiex tiġi evitata kwalunkwe konfużjoni miħabba li dawn il-prodotti ma jistgħux jiġu importati bl-użu ta' dan iċ-ċertifikat ta' laħam frisk.

Dan iċ-ċertifikat uffiċjali/tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235.

Parti I:

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.8: Ipprovdi l-kodiċi taż-żona kif jidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.11: L-isem, l-indirizz u n-numru tal-approvazzjoni tal-istabbiliment tad-dispaċċ.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.15: Indika n-numri tar-reġistrazzjoni tal-vaguni tal-ferrovija u tat-trakkijiet, l-ismijiet tal-vapuri u, jekk ikunu magħrufa, in-numri tat-titjiriet tal-ajruplani. Fil-każ ta' ġarr f'kontenituri, in-numru tar-reġistrazzjoni tagħhom u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill irid jiġi indikat fil-kaxxa I.19.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.27: Deskrizzjoni tal-kunsinna:

"*Kodiċi NM*": Uża l-kodiċi xieraq tas-Sistema Armonizzata (SA) tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali: 02.07, 02.08 jew 05.04.

Parti II:

(1) Laħam frisk kif iddefinit fil-punt 1.10 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

(2) Ħassar jekk il-kunsinna mhijiex maħsuba għad-dħul fl-Iżvezja jew fil-Finlandja.

(3) Il-kodiċi taż-żona f'konformità mal-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(4) Żomm kif meħtieġ.

(5) Dan japplika biss għaż-żoni li fihom it-tilqim kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jsir f'konformità ma' programm ta' tilqim li jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XIII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, u huma elenkati fil-Parti 1 tal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 bl-entrata "A" fil-kolonna 6 tat-tabella.

▼M5

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat POU**

	(6)	Din il-garanzija hija meħtieġa biss għat-tjur li jkunu ġejjin minn żoni li fihom l-użu ta' vaċċini kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle li jikkonformaw biss mal-kriterji ġenerali tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 mhuwiex ipprojbit, f'konformità mal-Artikolu 141, il-punt (e)(ii) tiegħu, u huma elenkati fil-Parti 1 tal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 bl-entrata "B" fil-kolonna 6 tat-tabella.
	(7)	Jenħtieġ li t-testijiet jitwettqu fuq kampjuni meħuda minn jew taħt il-kontroll tal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju ta' oriġini u l-ittestjar jenħtieġ li jitwettaq f'laboratorju uffiċjali magħżul f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2017/625.
	(8)	Dan il-laħam għandu jkun permess li jidħol fl-Unjoni biss jekk il-laħam ikun inkiseb minn annimali maqtula wara d-data tal-awtorizzazzjoni taż-żona msemmija fil-punt II.2.1. għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk tat-tjur għajr ir-ratiti, jew waqt perjodu fejn il-miżuri ta' restrizzjoni b'rabta mas-saħħa tal-annimali meħuda mill-Unjoni ma' kinux fis-seħħ kontra d-dħul ta' dan il-laħam minn dik iż-żona, jew waqt perjodu fejn l-awtorizzazzjoni ta' dik iż-żona għad-dħul fl-Unjoni ta' dan il-laħam ma kinitx sospiża.
	(9)	Din il-garanzija hija meħtieġa biss għal kunsinni maħsuba għal Stat Membru li jkun ingħata l-istatus ta' ħieles mill-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle mingħajr tilqim f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/689.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kbar)

Data — Kwalifika u titolu

Timbru — Firma

▼B

KAPITOLU 14

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT UFFIĊJALI/TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' LAĦAM IKKAPULJAT U LAĦAM SEPARAT MEKKANIKAMENT, MAĦSUB GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM, TA' TJUR TAT-TROBBIJA GĦAJR RATITI (MUDELL POU-MI/MSM)

GĦADU MHUX DISPONIBBLI

▼M5

KAPITOLU 15

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI/UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' LAĦAM FRISK MAĦSUB GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM, MINBARRA L-LAĦAM IKKAPULJAT U L-LAĦAM SEPARAT MEKKANIKAMENT, TAR-RATITI (MUDELL RAT)

PAJJIŻ				**Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali lill-UE**		
Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna	**I.1**	**Konsenjatur/Esportatur** Isem Indirizz Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż		**I.2**	**Referenza taċ-ċertifikat**	**I.2a** **Referenza tal-IMSOC** **KODIĊI QR**
				I.3	**Awtorità Kompetenti Ċentrali**	
				I.4	**Awtorità Kompetenti Lokali**	
	I.5	**Konsenjatarju/Importatur** Isem Indirizz Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż		**I.6**	**Operatur responsabbli għall-kunsinna** Isem Indirizz Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż	
	I.7	**Pajjiż tal-oriġini** / Kodiċi ISO tal-pajjiż		**I.9**	**Pajjiż tad-destinazzjoni** / Kodiċi ISO tal-pajjiż	
	I.8	**Reġjun tal-oriġini** / Kodiċi		**I.10**	**Reġjun tad-destinazzjoni** / Kodiċi	
	I.11	**Post tad-dispaċċ** Isem / Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Indirizz Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż		**I.12**	**Post tad-destinazzjoni** Isem / Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Indirizz Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż	
	I.13	**Post tat-tagħbija**		**I.14**	**Data u ħin tat-tluq**	
	I.15	**Mezz tat-trasport** ☐ Inġenju tal-ajru ☐ Bastiment ☐ Ferrovija ☐ Vettura tat-triq Identifikazzjoni		**I.16**	**Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul**	
				I.17	**Dokumenti ta' akkumpanjament** Tip / Kodiċi Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż Referenza tad-dokument kummerċjali	
	I.18	**Kundizzjonijiet tat-trasport**	☐ Ambjentali	☐ Imkessħa		☐ Iffriżati
	I.19	**Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill** Nru tal-kontenitur / Nru tas-siġill				
	I.20	**Ċertifikat bħala jew għal** ☐ Prodotti għall-konsum mill-bniedem				
	I.21	☐ **Għat-tranżitu** Pajjiż terz / Kodiċi ISO tal-pajjiż		**I.22**	☐ **Għas-suq intern**	
				I.23		

▼M5

I.24 Għadd totali ta' pakketti			I.25 Kwantità totali		I.26 Piż nett/piż gross totali (f'kg)	
I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna						
Kodiċi NM	Speċi	Subspeċi/Kategorija				
		Maħżen imkessaħ		Marka ta' identifikazzjoni		Piż nett
Biċċerija					Għadd ta' pakketti	Nru tal-lott
		Data tal-ġbir/tal-produzzjoni			Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru	

▼M5

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat RAT**

Parti II: Ċertifikazzjoni	**II. Informazzjoni dwar is-Saħħa**	**II.a**	**Referenza taċ-ċertifikat**	**II.b**	**Referenza tal-IMSOC**

II.1. Attestazzjoni tas-saħħa pubblika [ħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-laħam frisk]

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li konxju tar-rekwiżiti relevanti tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [A], tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [B], tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/624 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 [C] u b'dan niċċertifika li l-laħam frisk([1]) tar-ratiti deskritt fil-Parti I inkiseb f'konformità ma' dawn ir-rekwiżiti, b'mod partikolari li:

(a) il-laħam ġej minn stabbiliment(i) li japplika(w) rekwiżiti ġenerali tal-iġjene u li jimplimenta(w) programm ibbażat fuq il-prinċipji tal-analiżi tal-perikli u punti kritiċi ta' kontroll (HACCP) f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, awditjat(i) regolarment mill-awtoritajiet kompetenti u elenkat(i) bħala stabbiliment(i) approvat(i) mill-UE;

(b) il-laħam inkiseb f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima III tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(c) il-laħam instab tajjeb għall-konsum mill-bniedem wara spezzjoni ante mortem u post mortem li saret f'konformità mal-Artikoli 8 sa 14, 27, 33, 37 u 38 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627, mal-Artikoli 3, 5 sa 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/624;

(d) il-laħam ġie mmarkat b'marka ta' identifikazzjoni f'konformità mat-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(e) il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom ipprovduti mill-pjanijiet dwar ir-residwi li ġew sottomessi f'konformità mal-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE [D], huma ssodisfati u l-annimali u l-prodotti kkonċernati huma elenkati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE [E] għall-pajjiż tal-oriġini kkonċernat;

(f) il-laħam ġie prodott taħt kundizzjonijiet li jiggarantixxu l-konformità mal-livelli massimi ta' residwu għall-pestiċidi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [F].

A Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

B Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 Dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

C Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 tal-15 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 51).

D Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10).

E Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

F Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).

▼M5

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat RAT**

II.2. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan qed niċċertifika li l-laħam frisk(1) tar-ratiti deskritt f'dan iċ-ċertifikat:

II.2.1. inkiseb fiż-żona bil-kodiċi: ……(2) li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat:

(a) hija awtorizzata u elenkata fil-Parti 1 tal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 G għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk tar-ratiti;

(b) twettaq programm ta' sorveljanza tal-mard għall-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'konformità mal-Artikolu 141, il-punt (a) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 H;

(c) hija meqjusa ħielsa minn influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'konformità mal-Artikolu 38 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

II.2.2. inkiseb fiż-żona msemmija fil-punt II.2.1, li fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat:

(3)jew [tkun meqjusa ħielsa mill-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;]

(3)(4)jew [ma tkunx meqjusa ħielsa mill-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u l-laħam frisk tar-ratiti:

(a) ġie ddissussat u tqaxxar;

(b) inkiseb minn ratiti li għal perjodu minimu ta' 3 xhur qabel id-data tat-tbiċċir ikunu nżammu fi stabbilimenti:

(i) li fihom ma tkun seħħet l-ebda tifqigħa ta' infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle jew ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fis-6 xhur ta' qabel id-data tat-tbiċċir;

(ii) li madwarhom ma seħħet l-ebda tifqigħa ta' influwenza b'patoġeniċità għolja jew ta' infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle għal perjodu minimu ta' 3 xhur qabel id-data tat-tbiċċir f'raġġ ta' 10 km mill-perimetru tal-parti tal-istabbiliment li fiha r-ratiti, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz ġar;

G Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tat-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

H Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379)

▼M5

PAJJIŻ		Mudell taċ-ċertifikat RAT
	[(3)]jew [(c)	inkiseb minn ratiti li ma kinux tlaqqmu kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle u nżammu fl-istabbilimenti fejn saret is-sorveljanza għall-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle b'seroloġija[(5)] bi pjan ta' kampjunar ibbażat fuq l-istatistika, li jagħti riżultati negattivi għal perjodu ta' mill-anqas 6 xhur qabel id-data tat-tbiċċir;]
	[(3)]jew [(c)	inkiseb minn ratiti li: (i) tlaqqmu kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle u nżammu fl-istabbilimenti fejn saret is-sorveljanza għall-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle fuq ħames swabs trakeali[(5)] bi pjan ta' kampjunar ibbażat fuq l-istatistika, li jagħti riżultati negattivi għal perjodu ta' mill-anqas 6 xhur qabel id-data tat-tbiċċir; (ii) fil-perjodu ta' 30 jum qabel it-tbiċċir: [(3)]jew [ma kinux tlaqqmu kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle;] [(3)]jew [tlaqqmu kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle b'vaċċini li jikkonformaw kemm mal-kriterji ġenerali kif ukoll ma' dawk speċifiċi tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;]]]
	II.2.3.	inkiseb fiż-żona msemmija fil-punt II.2.1, li fiha:
	[(3)]jew [(a)	ma jsirx tilqim kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja;]
	[(3)(6)]jew [(a)	it-tilqim kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jsir f'konformità ma' programm ta' tilqim li jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XIII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;]
	[(3)]jew [(b)	it-tilqim kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle b'vaċċini li ma jikkonformawx kemm mal-kriterji ġenerali kif ukoll ma' dawk speċifiċi tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 huwa pprojbit;]
	[(3)(7)]jew [(b)	it-tilqim kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle b'vaċċini li jikkonformaw biss mal-kriterji ġenerali tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 mhuwiex pprojbit, u l-laħam frisk inkiseb mir-ratiti li: (i) ma tlaqqmux b'vaċċini ħajjin attenwati imħejjija miż-żerriegħa ewlenija tal-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle li turi patoġeniċità ogħla mir-razez lentoġeniċi tal-virus fil-perjodu ta' 30 jum qabel id-data tat-tbiċċir; (ii) ikun sarilhom test ta' iżolament virali[(5)] għall-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle, imwettaq fil-mument tat-tbiċċir fuq kampjun aleatorju ta' swabs kloakali minn tal-anqas 60 għasfur f'kull qatgħa kkonċernata, u li fih ma jkun instab l-ebda paramissovirus tat-tjur b'ICPI ta' aktar minn 0,4;

▼M5

PAJJIŻ	Mudell taċ-ċertifikat RAT
	(iii) ma ġewx f'kuntatt tul il-perjodu ta' 30 jum qabel id-data tat-tbiċċir ma' tjur li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet f'(i) u fi (ii);]
	II.2.4. inkiseb minn annimali li ġejjin minn stabbilimenti:
	(a) irreġistrati minn u fil-kontroll tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini u li għandhom sistema fis-seħħ sabiex iżommu u jaġġornaw rekords aġġornati f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;
	(b) li jirċievu żjarat regolari tas-saħħa tal-annimali minn veterinarju għall-fini ta' detezzjoni ta', u ta' informazzjoni dwar, sinjali li jindikaw l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u mard emerġenti;
	(c) li fihom u madwarhom, f'żona b'raġġ ta' 10 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma tkun seħħet l-ebda tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jew ta' infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle matul il-perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tat-tbiċċir;
	(d) li, fil-ħin tat-tbiċċir tal-annimali, ma kinux soġġetti għal miżuri nazzjonali ta' restrizzjoni għal raġunijiet tas-saħħa tal-annimali, inkluż, il-mard relevanti elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u mard emerġenti;
	II.2.5. inkiseb minn annimali li:
	[(3)] jew [(a) baqgħu fiż-żona msemmija fil-punt II.2.1 minn meta faqqsu u sad-data tat-tbiċċir;]
	[(3)] jew [(a) ġew importati fiż-żona msemmija fil-punt II.2.1 bħala flieles ta' ġurnata, tjur tat-tnissil, tjur produttiv jew tjur maħsub għat-tbiċċir, skont rekwiżiti dwar is-saħħa tal-annimali li jkunu tal-anqas stretti daqs ir-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (UE) 2016/429 u tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, minn:
	[(3)] jew [żona li hija elenkata fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 għad-dħul fl-Unjoni ta' dawk il-komoditajiet;]
	[(3)] jew [Stat Membru;]]
	[(3)] jew [(b) ma jkunux tlaqqmu kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja;]
	[(3)(6)] jew [(b) ikunu tlaqqmu kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'konformità ma' programm ta' tilqim li jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XIII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;]
	[(3)] jew [(c) ma tlaqqmux kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle fil-perjodu ta' 30 jum qabel id-data tat-tbiċċir;]
	[(3)] jew [(c) ikunu tlaqqmu kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle fil-perjodu ta' 30 jum qabel id-data tat-tbiċċir, b'vaċċini li jikkonformaw kemm mal-kriterji ġenerali kif ukoll ma' dawk speċifiċi tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;]

▼M5

PAJJIŻ	Mudell taċ-ċertifikat RAT
	(d) ma wrewx sintomi ta' mard li jittieħed fil-ħin tat-tbiċċir; (e) intbagħtu direttament mill-istabbiliment ta' oriġini tagħhom lejn il-biċċerija; (f) waqt it-trasport tagħhom lejn il-biċċerija: (i) ma għaddewx minn żona mhux elenkata għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk tar-ratiti; (ii) ma ġewx f'kuntatt ma' annimali bi status tas-saħħa aktar baxx; (g) intbagħtu mill-istabbiliment ta' oriġini tagħhom lejn biċċerija approvata f'mezz tat-trasport: (i) li nbena b'tali mod li l-annimali ma jkunux jistgħu jaħarbu jew jaqgħu minnu; (ii) li fih ikun possibbli li ssir spezzjoni viżwali tal-ispazju fejn jinżammu l-annimali; (iii) li minnu l-ħruġ ta' eskrementi tal-annimali, ta' mifrex, ta' għalf jew ta' rix jkun evitat jew imminimizzat; (iv) li tnaddaf u ġie ddiżinfettat b'diżinfettant awtorizzat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew tat-territorju tad-dispaċċ, u mnixxef jew imħolli jinxef immedjatament qabel kull tagħbija ta' annimali maħsuba għad-dħul fl-Unjoni; II.2.6. inkiseb minn annimali li tbiċċru [fi ___/___/____ (jj/xx/ssss)][3][8] [bejn ___/___/____ (jj/xx/ssss) u ___/___/____ (jj/xx/ssss)][3][8]; II.2.7. ma nkisibx minn annimali li tbiċċru taħt programm nazzjonali għall-qerda tal-mard; II.2.8. inkiseb f'biċċerija: (a) li fiż-żmien tat-tbiċċir, ma kinitx b'restrizzjonijiet dovuti għal tifqigħa tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jew tal-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle jew b'restrizzjonijiet uffiċjali skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali għal raġunijiet relatati mas-saħħa tal-annimali; (b) fi ħdan raġġ ta' 10 km mill-biċċerija, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma tkun seħħet l-ebda tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jew ta' infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle matul il-perjodu minimu ta' 30 jum qabel id-data tat-tbiċċir; II.2.9. ġie segregat b'mod strett minn laħam frisk li ma jikkonformax mar-rekwiżiti dwar is-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk tar-ratiti tul l-operazzjonijiet kollha tat-tbiċċir, tal-qtugħ u sakemm: [3] jew [ġie imballat għal ħżin ulterjuri;] [3] jew [tgħabba, bħala laħam frisk mhux imballat, fuq il-mezz tat-trasport għad-dispaċċ lejn l-Unjoni;] II.2.10. jintbagħat lejn l-Unjoni: (a) f'mezz ta' trasport imfassal, mibni u miżmum f'tali kundizzjoni li l-istatus tas-saħħa tal-prodotti ma jkunx ipperikolat matul it-trasport lejn l-Unjoni;

▼M5

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat RAT**

(b) separat minn annimali u minn prodotti ta' oriġini mill-annimali li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti rilevanti dwar is-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni stipulati fir-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

(9)[II.2.11. huwa maħsub għal Stat Membru li ngħata l-istatus ta' ħieles mill-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle mingħajr tilqim f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 [1], u nkiseb minn ratiti li ma tlaqqmux kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle b'vaċċin ħaj matul il-perjodu ta' 30 jum qabel id-data tat-tbiċċir].

II.3. Attestazzjoni tat-trattament xieraq tal-annimali [ħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali]

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika li l-laħam deskritt fil-Parti I huwa derivat minn annimali li ġew ittrattati fil-biċċerija f'konformità mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali fil-ħin tal-qatla jew tal-anqas ma' rekwiżiti ekwivalenti.

Noti

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'dan iċ-ċertifikat jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk tar-ratiti, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali ta' dak il-prodott.

L-esklużjoni ta' laħam ikkapuljat u ta' laħam separat mekkanikament tissemma espliċitament fit-titolu sabiex tiġi evitata kwalunkwe konfużjoni minħabba li dawn il-prodotti ma jistgħux jiġu importati bl-użu ta' dan iċ-ċertifikat ta' laħam frisk.

Dan iċ-ċertifikat uffiċjali/tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235.

Parti I:

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.8: Ipprovdi l-kodiċi taż-żona kif jidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.11: L-isem, l-indirizz u n-numru tal-approvazzjoni tal-istabbiliment tad-dispaċċ.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.15: Indika n-numri tar-reġistrazzjoni tal-vaguni tal-ferrovija u tat-trakkijiet, l-ismijiet tal-vapuri u, jekk ikunu magħrufa, in-numri tat-titjiriet tal-ajruplani. Fil-każ ta' ġarr f'kontenituri, in-numru tar-reġistrazzjoni tagħhom u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill irid jiġi indikat fil-kaxxa I.19.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.27: Deskrizzjoni tal-kunsinna:

"*Kodiċi NM*": uża l-kodiċi xieraq tas-Sistema Armonizzata (SA) tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali: 02.08.90.

[1] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għas-sorveljanza, għall-programmi ta' eradikazzjoni u għall-istat ta' ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat u emerġenti (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 211).

▼M5

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat RAT**

Parti II:

(1) "Laħam frisk" kif iddefinit fil-punt 1.10 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

(2) Il-kodiċi taż-żona f'konformità mal-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(3) Żomm kif meħtieġ.

(4) Din il-garanzija hija meħtieġa biss għal kunsinni minn żoni li mhumiex meqjusa ħielsa minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u huma elenkati fil-Parti 1 tal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 bl-entrata "C" fil-kolonna 6 tat-tabella.

(5) Jenħtieġ li t-testijiet jitwettqu fuq kampjuni meħuda minn jew taħt il-kontroll tal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju ta' oriġini u l-ittestjar jenħtieġ li jitwettaq f'laboratorju uffiċjali magħżul f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2017/625.

(6) Dan japplika biss għaż-żoni li fihom it-tilqim kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jsir f'konformità ma' programm ta' tilqim li jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XIII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, u huma elenkati fil-Parti 1 tal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 bl-entrata "A" fil-kolonna 6 tat-tabella.

(7) Din il-garanzija hija meħtieġa biss għat-tjur li jkunu ġejjin minn żoni li fihom l-użu ta' vaċċini kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle li jikkonformaw biss mal-kriterji ġenerali tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 mhuwiex ipprojbit, f'konformità mal-Artikolu 141, il-punt (e)(ii) tiegħu, u huma elenkati fil-Parti 1 tal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 bl-entrata "B" fil-kolonna 6 tat-tabella.

(8) Dan il-laħam għandu jkun permess li jidħol fl-Unjoni biss jekk il-laħam ikun inkiseb minn annimali li tbiċċru wara d-data tal-awtorizzazzjoni taż-żona msemmija fil-punt II.2.1. għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk tar-ratiti, jew waqt perjodu fejn il-miżuri ta' restrizzjoni b'rabta mas-saħħa tal-annimali meħuda mill-Unjoni ma' kinux fis-seħħ kontra d-dħul ta' dan il-laħam minn dik iż-żona, jew waqt perjodu fejn l-awtorizzazzjoni ta' dik iż-żona għad-dħul fl-Unjoni ta' dan il-laħam ma kinitx sospiża.

(9) Din il-garanzija hija meħtieġa biss għal kunsinni maħsuba għal Stat Membru li jkun ingħata l-istatus ta' ħieles mill-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle mingħajr tilqim f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/689.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kbar)

Data

Kwalifika u titolu

Timbru

Firma

▼B

KAPITOLU 16

	(7) Applikabbli meta l-Istat Membru tad-destinazzjoni fl-Unjoni jkollu jew status ta' ħieles mill-mard għal marda tal-kategorija C kif iddefinit fl-Artikolu 1, il-punt (3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882, jew ikun soġġett għal programm ta' eradikazzjoni mhux obbligatorju stabbilit f'konformità mal-Artikolu 31(2) tar-Regolament (UE) 2016/429, inkella ħassar. (8) Applikabbli meta l-Istat Membru tad-destinazzjoni jew parti minnu, fl-Unjoni jkun approva miżuri nazzjonali għal marda speċifika kif elenkat fl-Anness I jew fl-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/260 [O], inkella ħassar (9) L-ispeċijiet suxxettibbli kif imsemmija fit-tieni kolonna tat-tabella fl-Anness III tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/260. (10) għall-iffirmar minn: — veterinarju uffiċjali meta l-Parti II.2 Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali ma titħassarx – — uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni jew veterinarju uffiċjali meta titħassar il-Parti II.2 Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali.
[Veterinarju uffiċjali] [(4)(10)]/[Uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni][(4)(10)] Isem (b'ittri kbar) Data — Kwalifika u titolu Timbru — Firma	

[O] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/260 tal-11 ta' Frar 2021 li tapprova miżuri nazzjonali mfassla biex jillimitaw l-impatt ta' ċertu mard ta' annimali akkwatiċi f'konformità mal-Artikolu 226(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/221/UE (ĠU L 59, 19.2.2021, p. 1).

▼B

KAPITOLU 29

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' PRODOTTI TAS-SAJD MAĦSUBA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM MAQBUDA MINN BASTIMENTI LI JTAJRU L-BANDIERA TA' STAT MEMBRU U TTRASFERITI F'PAJJIŻI TERZI BIL-ĦŻIN JEW MINGĦAJRU (MUDELL EU-FISH)

<table>
<tr><td colspan="2">PAJJIŻ</td><td colspan="3"></td><td colspan="4">Ċertifikat uffiċjali lill-UE</td></tr>
<tr><td rowspan="15">Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna</td><td>I.1</td><td colspan="2">Konsenjatur/ Esportatur
Isem
Indirizz

Pajjiż</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.2</td><td>Referenza taċ-ċertifikat</td><td>I.2a</td><td>Referenza tal-IMSOC</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td><td></td><td>I.3</td><td>Awtorità Ċentrali Kompetenti</td><td rowspan="2"></td><td rowspan="2">KODIĊI QR</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td><td>I.4</td><td>Awtorità Kompetenti Lokali</td></tr>
<tr><td>I.5</td><td colspan="2">Destinatarju/ Importatur
Isem
Indirizz

Pajjiż</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.6</td><td colspan="3">Operatur responsabbli għall-kunsinna
Isem
Indirizz

Pajjiż</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.7</td><td colspan="2">Pajjiż ta' oriġini</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.9</td><td colspan="3">Pajjiż tad-destinazzjoni</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.8</td><td colspan="2">Reġjun ta' oriġini</td><td>Kodiċi</td><td>I.10</td><td colspan="3">Reġjun tad-destinazzjoni</td><td>Kodiċi</td></tr>
<tr><td>I.11</td><td colspan="2">Post tad-dispaċċ
Isem
Indirizz

Pajjiż</td><td>Numru tar-Reġistrazzjoni/ Approvazzjoni

Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.12</td><td colspan="3">Post tad-destinazzjoni
Isem
Indirizz

Pajjiż</td><td>Numru tar-Reġistrazzjoni/ Approvazzjoni

Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.13</td><td colspan="3">Post tat-tagħbija</td><td>I.14</td><td colspan="3">Data u ħin tat-tluq</td><td></td></tr>
<tr><td>I.15</td><td colspan="3">Mezzi tat-trasport
☐ Inġenju tal-ajru ☐ Bastiment
☐ Ferrovija ☐ Vettura tat-triq

Identifikazzjoni</td><td></td><td>I.16</td><td colspan="3">Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera ta' Dħul</td><td></td></tr>
<tr><td></td><td colspan="3"></td><td>I.17</td><td colspan="3">Dokumenti ta' akkumpanjament
Tip
Pajjiż
Referenza tad-dokument kummerċjali</td><td>Kodiċi
Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
</table>

▼B

I.18	**Kundizzjonijiet tat-trasport**	□ Ambjentali	□ Imkessħa	□ Iffriżata
I.19	**Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill** Numru tal-kontenitur		Numru tas-siġill	
I.20	**Ċertifikat bħala jew għal**			
	□ Prodotti għall-konsum mill-bniedem		□ Industrija tal-ikel ipproċessar ulterjuri ippreżervat fil-laned	
I.21			**I.22** □ **Għas-suq intern** **I.23**	
I.24	**Numru totali ta' pakketti**	**I.25** **Kwantità totali**		**I.26** **Piż totali nett/piż gross (f'kg)**
I.27	**Deskrizzjoni tal-kunsinna**			
Kodiċi CN	Speċi Maħżen imkessaħ Tip ta' trattament □ Konsumatur finali Data tal-ġbir/tal-produzzjoni	Marka ta' identifikazzjoni Natura tal-komoditá Impjant tal-manifattura	Tip ta' imballaġġ Numru ta' pakketti	Piż nett Nru tal-lott

▼B

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat EU-FISH**

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	**II.a. Referenza taċ-ċertifikat**	**II.b Referenza tal-IMSOC**

II.1. Attestazzjoni tas-saħħa pubblika

Jien, hawn taħt iffirmat, niddikjara li konxju tar-rekwiżiti relevanti tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[A], ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[B], ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, b'dan niċċertifika li l-prodotti tas-sajd, deskritti fil-Parti I:

(a) ġew żbarkati u nħattu l-art b'mod iġjeniku mill-bastiment(i) approvat(i)/reġistrat(i)* ……(indika n-numru/i tal-approvazzjoni/tar-reġistrazzjoni u isem l-Istat(i) Membru/i tal-bandiera) f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti stipulati fil-Kapitolu II tat-Sezzjoni VIII, tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(b) jekk applikabbli, inħażnu f'maħżen kiesaħ jew fi mħażen kesħin approvat(i) ……(indika n-numru/i tal-approvazzjoni) f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti tal-Kapitolu VII tas-Sezzjoni VIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(c) jekk applikabbli, tgħabbew b'mod iġjeniku fuq il-bastiment(i) approvat(i) ……(indika n-numru/i tal-approvazzjoni u l-bandiera tal-bastimenti tal-Istat(i) Membru/i jew tal-pajjiż(i) terz(i) f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti stipulati fil-Kapitoli I u VIII tas-Sezzjoni VIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(d) jekk applikabbli, tgħabbew f'kontenitur…… (indika n-numru tal-kontenitur) jew fi trakk ……(indika n-numru tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni tat-trakk jew tat-trejler) jew f'inġenju tal-ajru …… (indika n-numru tat-titjira) f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu VIII tas-Sezzjoni VIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004; u

(e) ikunu akkumpanjati minn verżjoni(jiet) stampata/i** tad-Dikjarazzjoni tat-Trasbord/Dikjarazjoni tal-Ħatt jew mill-partijiet rilevanti tagħha;**

(f) jissodisfaw il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom, jekk joriġinaw mill-akkwakultura, ipprovduti mill-pjanijiet dwar ir-residwi li ġew sottomessi f'konformità mal-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE[C], u l-annimali u l-prodotti kkonċernati huma elenkati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE[D] għall-pajjiż ta' oriġini kkonċernat;

(g) ġew prodotti taħt kundizzjonijiet li jiggarantixxu l-konformità mal-livelli massimi ta' għall-kontaminanti stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006[E].

A Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

B Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

C Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10).

D Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

E Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).

▼B

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat EU-FISH**

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	**II.a. Referenza taċ-ċertifikat**	**II.b Referenza tal-IMSOC**

Noti

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropew f'dan iċ-ċertifikat jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat uffiċjali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235.

Parti I:

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.11: "*Post tad-dispaċċ*": Niżżel l-isem, l-indirizz u n-numru tal-approvazzjoni tal-maħżen kiesaħ fil-pajjiż terz ta' dispaċċ, jew, f'każ li l-prodott ma jinħażinx fil-maħżen kiesaħ, niżżel l-isem u n-numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-bastiment ta' oriġini li jtajjar il-bandiera tal-Istat Membru.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.15: Indika l-mezz ta' trasport li jitlaq mill-pajjiż terz ta' dispaċċ. Fil-każ ta' bastimenti friża/reefer, iddikjara l-isem tal-bastiment, in-numru tal-approvazzjoni u l-Istat tal-bandiera; fil-każ ta' bastiment tas-sajd iddikjara n-numru tar-reġistrazzjoni u l-Istat tal-bandiera. Jekk il-mezz ta' trasport huwa konteniturі, trakkijiet jew inġenji tal-ajru, iridu jiġu ddikjarati l-istess indikazzjonijiet imsemmija fir-raba' inċiż tal-Parti II.1.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.20: Immarka "*Industrija tal-ikel ippreżervat fil-laned*" għall-ħut sħiħ inizjalment iffriżat fis-salmura f'temperatura ta'-9°C jew f'temperatura ogħla minn -18°C u maħsub sabiex ikun ippreżervat fil-laned f'konformità mar-rekwiżiti tal-punt II tal-Kapitolu I tas-Sezzjoni VIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004. Immarka *"Prodotti għall-konsum mill-bniedem"* jew *"Ipproċessar ulterjuri"* għall-każijiet l-oħra.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.27: Niżżel il-kodiċi(ijiet) xierqa tas-Sistema Armonizzata (SA) bl-użu ta' intestaturi bħal: 0301, 0302, 0303, 0304, 0305, 0306, 0307, 0308, 0511, 1504, 1516, 1518, 1603, 1604, 1605 jew 2106.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.27: Deskrizzjoni tal-kunsinna:

"*Tip ta' trattament*": Speċifika jekk hux iċċiljat, iffriżat jew ipproċessat.

Parti II:

* jinkludi bastiment tas-sajd, bastiment fabbrika, bastiment friża u reefer skont kif applikabbli.

** Jiġi aċċettat ukoll format elettroniku. Id-Dikjarazzjoni tat-Trasbord tintuża jekk ma jsir l-ebda ħżin u d-Dikjarazzjoni tal-Ħatt tintuża jekk isir ħżin.

Uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni

Isem (b'ittri kbar)

Data Kwalifika u titolu

Timbru Firma

▼M5

KAPITOLU 30

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' PRODOTTI TAS-SAJD JEW TA' PRODOTTI TAS-SAJD DERIVATI MINN MOLLUSKI BIVALVI MAĦSUBA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM LI JIDĦLU FL-UNJONI DIRETTAMENT MINN BASTIMENT REEFER, FRIŻA JEW FABBRIKA LI JTAJJAR IL-BANDIERA TA' PAJJIŻ TERZ KIF PREVIST FL-ARTIKOLU 11(3) TAR-REGOLAMENT DELEGAT (UE) 2019/625 (MUDELL FISH/MOL-CAP)

PAJJIŻ				**Ċertifikat uffiċjali lill-UE**		
Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna	**I.1**	**Konsenjatur/Esportatur** Isem Indirizz Pajjiż	Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.2**	**Referenza taċ-ċertifikat**	**I.2a** **Referenza tal-IMSOC** **KODIĊI QR**
				I.3	**Awtorità Kompetenti Ċentrali**	
				I.4	**Awtorità Kompetenti Lokali**	
	I.5	**Konsenjatarju/Importatur** Isem Indirizz Pajjiż	Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.6**	**Operatur responsabbli għall-kunsinna** Isem Indirizz Pajjiż	Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.7	**Pajjiż tal-oriġini**	Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.9**	**Pajjiż tad-destinazzjoni**	Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.8	**Reġjun tal-oriġini**	Kodiċi	**I.10**	**Reġjun tad-destinazzjoni**	Kodiċi
	I.11	**Post tad-dispaċċ** Isem Indirizz Pajjiż	Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.12**	**Post tad-destinazzjoni** Isem Indirizz Pajjiż	Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.13			**I.14**	**Data u ħin tat-tluq**	
				I.16	**Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul**	
	I.15			**I.17**	**Dokumenti ta' akkumpanjament** Tip Pajjiż Referenza tad-dokument kummerċjali	Kodiċi Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.18					
	I.19					

▼M5

I.20	**Ċertifikat bħala jew għal**						
	□ Prodotti għall-konsum mill-bniedem			□ Industrija tal-ikel ipproċessar ulterjuri ippreżervat fil-laned			
I.21			**I.22** □ **Għas-suq intern**				
			I.23				
I.24	**Għadd totali ta' pakketti**		**I.25**	**Kwantità totali**		**I.26**	**Piż nett/piż gross totali (f'kg)**
I.27	**Deskrizzjoni tal-kunsinna**						
Kodiċi NM	Speċi	□ Konsumatur finali Data tal-ġbir/tal-produzzjoni	Għadd ta' pakketti	Piż nett	Nru tal-lott Marka ta' identifikazzjoni	Tip ta' imballaġġ	Tip ta' trattament

▼M5

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat FISH/MOL-CAP**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. Informazzjoni dwar is-Saħħa	**II.a** **Referenza taċ-ċertifikat**	**II.b** **Referenza tal-IMSOC**

II.1 Ċertifikat tas-saħħa pubblika

Jien, hawn taħt iffirmat, niddikjara li konxju tar-rekwiżiti relevanti tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [A], tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [B], tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u b'dan niċċertifika li l-prodotti tas-sajd jew il-prodotti tas-sajd derivati minn molluski bivalvi ħajjin/ekinodermi ħajjin/tunikati ħajjin/gastropodi tal-baħar ħajjin deskritti fil-Parti I:

(a) ġew prodotti f'konformità ma' dawn ir-rekwiżiti, b'mod partikolari li l-bastiment jidher fil-lista' tal-bastimenti li minnhom huma permessi l-importazzjonijiet lejn l-Unjoni (li jkunu "elenkati għall-UE");

(b) il-bastiment japplika r-rekwiżiti ġenerali tal-iġjene, jimplimenta programm ibbażat fuq il-prinċipji tal-analiżi tal-perikli u punti kritiċi ta' kontroll (HACCP) f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, awditjat regolarment mill-awtoritajiet kompetenti, u huwa elenkat bħala stabbiliment approvat mill-UE;

(c) il-prodotti tas-sajd jew il-prodotti ta' oriġini mill-annimali derivati minn molluski bivalvi ħajjin/ekinodermi ħajjin/tunikati ħajjin/gastropodi tal-baħar ħajjin inqabdu u ġew immaniġġjati abbord bastimenti, inħattu l-art, ġew immaniġġjati u fejn meħtieġ imħejjija, ipproċessati, iffriżati, u tħallew jinħallu iġjenikament f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima VIII, tal-Kapitoli I sa IV tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004. Il-vixxri u l-partijiet li jistgħu jkunu ta' periklu għas-saħħa pubblika tneħħew kemm jista' jkun malajr u nżammu apparti mill-prodotti maħsuba għall-konsum mill-bniedem;

(d) il-prodotti tas-sajd jew il-prodotti tas-sajd derivati minn molluski bivalvi ħajjin/ekinodermi ħajjin/tunikati ħajjin/gastropodi tal-baħar ħajjin jissodisfaw l-istandards tas-saħħa stabbiliti fit-Taqsima VIII, il-Kapitolu V tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 [jissodisfaw l-istandards tas-saħħa stabbiliti fit-Taqsima VII; il-Kapitolu V tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004] (ħassar kif meħtieġ) u, fejn xieraq, il-kriterji stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 [C];

(e) il-prodotti tas-sajd jew il-prodotti tas-sajd derivati minn molluski bivalvi ħajjin/ekinodermi ħajjin/tunikati ħajjin/gastropodi tal-baħar ħajjin ġew imballati, inħażnu u ġew ittrasportati f'konformità mat-Taqsima VIII, il-Kapitoli VI sa VIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

A Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

B Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 Dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

C Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1).

▼M5

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat FISH/MOL-CAP**

(f) il-prodotti tas-sajd jew il-prodotti tas-sajd derivati minn molluski bivalvi ħajjin/ekinodermi ħajjin/tunikati ħajjin/gastropodi tal-baħar ħajjin ġew immarkati f'konformità mat-Taqsima VIII, tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(g) fil-każ tal-Pectinidae, tal-gastropodi tal-baħar u tal-Holothuroidea li mhumiex organiżmi filtraturi maħsuda barra miż-żoni ta' produzzjoni klassifikati, dawn jikkonformaw mar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fit-Taqsima VII, il-Kapitolu IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(h) il-prodotti tas-sajd jissodisfaw il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom, jekk joriġinaw mill-akkwakultura, ipprovduti mill-pjanijiet dwar ir-residwi li ġew sottomessi f'konformità mal-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE [D], u l-annimali u l-prodotti kkonċernati huma elenkati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE [E] għall-pajjiż tal-oriġini kkonċernat;

(i) il-prodotti tas-sajd ġew prodotti taħt kundizzjonijiet li jiggarantixxu l-konformità mal-livelli massimi ta' għall-kontaminanti stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 [F]; u

(j) il-prodotti tas-sajd iffriżati jew il-prodotti tas-sajd derivati minn molluski bivalvi ħajjin/ekinodermi ħajjin/tunikati ħajjin/gastropodi tal-baħar ħajjin inżammu f'temperatura ta' mhux aktar minn -18 °C fil-partijiet kollha tal-prodott. Ħut sħiħ inizjalment iffriżat fis-salmura maħsub għall-produzzjoni ta' ikel ippreservat fil-laned jista' jinżamm f'temperatura ta' mhux aktar minn -9 °C.

Noti

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'dan iċ-ċertifikat jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat uffiċjali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235.

Parti I:

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.2: Numru uniku tad-dokument skont il-klassifikazzjoni tiegħek.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.5: L-isem u l-indirizz (it-triq, il-belt u l-kodiċi postali) tal-persuna fiżika jew ġuridika li lilha hija importata l-kunsinna direttament fl-Istat Membru tad-destinazzjoni.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.7: Il-pajjiż li l-bandiera tiegħu qed tittajjar mill-bastiment li qed joħroġ dan id-dokument.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.11: L-isem tal-bastiment u n-numru tal-approvazzjoni kif elenkati f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 [G] li minnhom jiġu importati direttament il-prodotti tas-sajd.

D Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10).

E Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

F Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li tiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).

G Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 tal-4 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 18).

▼**M5**

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat FISH/MOL-CAP**

	Kaxxa bin-numru ta' referenza I.20: Immarka "Industrija tal-ikel *ippreżervat fil*-laned" għall-ħut sħiħ inizjalment iffriżat fis-salmura f'temperatura ta'-9 °C jew f'temperatura ogħla minn -18 °C u maħsub sabiex ikun ippreżervat fil-laned f'konformità mar-rekwiżiti tat-Taqsima VIII, il-Kapitolu I, il-punt II(7) tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004. Immarka "*Prodotti għall*-konsum mill-bniedem" jew "*Ipproċessar* ulterjuri" għall-każijiet l-oħra. Kaxxa bin-numru ta' referenza I.27: Niżżel il-kodiċi(jiet) xierqa tas-Sistema Armonizzata (SA) bl-użu ta' intestaturi bħal: 0301, 0302, 0303, 0304, 0305, 0306, 0307, 0308, 0511, 1504, 1516, 1518, 1603, 1604, 1605 jew 2106. Kaxxa bin-numru ta' referenza I.27: Deskrizzjoni tal-kunsinna: "*Tip ta' trattament*": Speċifika jekk huwiex imkessaħ, iffriżat jew ipproċessat.
	Kaptan tal-bastiment Isem (b'ittri kbar): Data: Firma: Timbru:

▼M5

KAPITOLU 31

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI/UFFIĊJALI GĦAD- DĦUL FL-UNJONI TA' MOLLUSKI BIVALVI ĦAJJIN, TA' EKINODERMI, TA' TUNIKATI, TA' GASTROPODI TAL-BAĦAR U TA' PRODOTTI TA' ORIĠINI MILL-ANNIMALI MINN DAWN L-ANNIMALI MAĦSUBA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM (MUDELL MOL-HC)

<table>
<tr><td colspan="2">PAJJIŻ</td><td colspan="3"></td><td colspan="4">Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali lill-UE</td></tr>
<tr><td rowspan="15">Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna</td><td>I.1</td><td colspan="2">Konsenjatur/Esportatur
Isem
Indirizz

Pajjiż</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.2</td><td>Referenza taċ-ċertifikat</td><td>I.2a</td><td>Referenza tal-IMSOC</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td><td></td><td>I.3</td><td>Awtorità Kompetenti Ċentrali</td><td rowspan="2"></td><td rowspan="2">KODIĊI QR</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td><td>I.4</td><td>Awtorità Kompetenti Lokali</td></tr>
<tr><td>I.5</td><td colspan="2">Konsenjatarju/Importatur
Isem
Indirizz

Pajjiż</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.6</td><td colspan="3">Operatur responsabbli għall-kunsinna
Isem
Indirizz

Pajjiż</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.7</td><td colspan="2">Pajjiż tal-oriġini</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.9</td><td colspan="3">Pajjiż tad-destinazzjoni</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.8</td><td colspan="2">Reġjun tal-oriġini</td><td>Kodiċi</td><td>I.10</td><td colspan="3">Reġjun tad-destinazzjoni</td><td>Kodiċi</td></tr>
<tr><td>I.11</td><td colspan="2">Post tad-dispaċċ
Isem
Indirizz

Pajjiż</td><td>Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni

Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.12</td><td colspan="3">Post tad-destinazzjoni
Isem
Indirizz

Pajjiż</td><td>Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni

Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.13</td><td colspan="3">Post tat-tagħbija</td><td>I.14</td><td colspan="3">Data u ħin tat-tluq</td></tr>
<tr><td>I.15</td><td colspan="3">Mezz tat-trasport
☐ Inġenju tal-ajru ☐ Bastiment
☐ Ferrovija ☐ Vettura tat-triq
Identifikazzjoni</td><td>I.16</td><td colspan="3">Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul</td></tr>
<tr><td></td><td colspan="3"></td><td>I.17</td><td colspan="3">Dokumenti ta' akkumpanjament
Tip
Pajjiż
Referenza tad-dokument kummerċjali</td><td>Kodiċi
Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.18</td><td colspan="2">Kundizzjonijiet tat-trasport</td><td>☐ Ambjentali</td><td>☐ Imkessħa</td><td colspan="3">☐ Iffriżati</td></tr>
<tr><td>I.19</td><td colspan="7">Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill
Nru tal-kontenitur Nru tas-siġill</td></tr>
<tr><td>I.20</td><td colspan="7">Ċertifikat bħala jew għal
☐ Prodotti għall-konsum mill-bniedem ☐ Annimali akkwatiċi ħajjin għall-konsum mill-bniedem ☐ Ċentru ta' dispaċċ ☐ Ipproċessar ulterjuri</td></tr>
<tr><td>I.21</td><td colspan="3">☐ Għat-tranżitu
Pajjiż terz Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.22</td><td colspan="3">☐ Għas-suq intern</td></tr>
<tr><td></td><td colspan="3"></td><td>I.23</td><td colspan="3"></td></tr>
</table>

▼M5

I.24 Għadd totali ta' pakketti		I.25 Kwantità totali		I.26 Piż nett/piż gross totali (f'kg)	
I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna					
Kodiċi NM	Speċi				
	Maħżen imkessaħ		Marka ta' identifikazzjoni	Tip ta' imballaġġ	Piż nett
	Tip ta' trattament		Natura tal-komodità	Għadd ta' pakketti	Nru tal-lott
□ Konsumatur finali	Data tal-ġbir/tal-produzzjoni		Impjant tal-manifattura		

▼M5

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat MOL-HC**

Parti II: Ċertifikazzjoni	**II. Informazzjoni dwar is-Saħħa**		**II.a**	**Referenza taċ-ċertifikat**	**II.b** **Referenza tal-IMSOC**

II.1. [(1)]**Attestazzjoni tas-saħħa pubblika**[ħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-molluski bivalvi ħajjin, tal-ekinodermi, tal-tunikati, tal-gastropodi tal-baħar u ta' prodotti ta' oriġini mill-annimali minn dawn l-annimali]

Jien, hawn taħt iffirmat, niddikjara li konxju tar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [A], tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [B], tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u b'dan niċċertifika li [(4)][il-molluski bivalvi ħajjin] [(4)][l-ekinodermi ħajjin] [(4)][it-tunikati ħajjin] [(4)][il-gastropodi tal-baħar ħajjin] [(4)][il-prodotti tal-oriġini mill-annimali derivati minn molluski bivalvi ħajjin/ekinodermi ħajjin/tunikati ħajjin/gastropodi tal-baħar ħajjin] deskritti fil-Parti I ġew prodotti f'konformità ma' dawn ir-rekwiżiti, b'mod partikolari li:

(a) inkisbu fir-reġjun(i) jew fil-pajjiż(i) …….. li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat huwa/huma awtorizzat(i) għad-dħul fl-Unjoni ta' [(4)][molluski bivalvi ħajjin] [(4)][ekinodermi ħajjin] [(4)][tunikati ħajjin] [(4)][gastropodi tal-baħar ħajjin] [(4)][prodotti ta' oriġini mill-annimali derivati minn molluski bivalvi ħajjin/ekinodermi ħajjin/tunikati ħajjin/gastropodi marini ħajjin], u elenkati fl-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 [C];

(b) ġejjin minn stabbiliment(i) li japplika(w) rekwiżiti ġenerali tal-iġjene u li jimplimenta(w) programm ibbażat fuq il-prinċipji tal-analiżi tal-perikli u punti kritiċi ta' kontroll (HACCP) f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, awditjat(i) regolarment mill-awtoritajiet kompetenti u elenkat(i) bħala stabbiliment approvat mill-UE;

(c) inħasdu, u fejn meħtieġ ingħaddew u ġew ittrasportati f'konformità mat-Taqsima VII, il-Kapitoli I u II tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(d) [(4)][ġew immaniġġjati, u fejn meħtieġ ġew ippurifikati u mballati f'konformità mat-Taqsima VII, il-Kapitoli III u IV tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(e) [(4)][tħejjew, ġew ipproċessati, ffriżati, u tħallew jinħallu iġjenikament f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima VIII, il-Kapitoli III u IV tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004]];

A Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

B Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 Dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

C Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 118).

▼M5

PAJJIŻ	Mudell taċ-ċertifikat MOL-HC
	(f) jissodisfaw l-istandards tas-saħħa stipulati fit-Taqsima VII, il-Kapitolu V tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, [4][it-Taqsima VIII, il-Kapitolu V tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004] u l-kriterji stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 [D]; (g) ġew imballati, inħażnu u ġew ittrasportati f'konformità [4] mat-[Taqsima VII, il-Kapitoli VI u VIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004] [4] [Taqsima VIII, il-Kapitoli VI sa VIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004]; (h) ġew immarkati u ttikkettati f'konformità [4] mat-[Taqsima I tal-Anness II u mat-Taqsima VII, il-Kapitolu VII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004] [4] [Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004]; (i) fil-każ tal-Pectinidae, tal-gastropodi tal-baħar u tal-Holothuroidea li mhumiex organiżmi filtraturi maħsuda barra miż-żoni ta' produzzjoni klassifikati, dawn jikkonformaw mar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fit-Taqsima VII, il-Kapitolu IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004; (j) ġejjin minn żona tal-produzzjoni kklassifikata skont l-Artikolu 52 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 [E] bħala [A] [B] jew [C] fil-mument tal-ħsad tagħhom (*jekk jogħġbok indika l-klassifikazzjoni taż-żona tal-*produzzjoni fil-mument tal-*ħsad*) (ħlief għall-Pectinidae, għall-gastropodi tal-baħar u għall-Holothuroidea li mhumiex organiżmi filtraturi, li jinħasdu barra miż-żoni tal-produzzjoni kklassifikati); (k) ikunu għaddew b'mod sodisfaċenti mill-kontrolli uffiċjali stipulati [4][fl-Artikoli 51 sa 66 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627 jew fl-Artikolu 11 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/624] [4][fl-Artikoli 69 sa 71 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627]; (l) jissodisfaw il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom, jekk joriġinaw mill-akkwakultura, ipprovduti mill-pjanijiet dwar ir-residwi li ġew sottomessi f'konformità mal-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE [F], u l-annimali u l-prodotti kkonċernati huma elenkati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE [G] għall-pajjiż tal-oriġini kkonċernat; (m) ġew prodotti taħt kundizzjonijiet li jiggarantixxu l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi għall-pestiċidi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [H], u mal-livelli massimi għall-kontaminanti stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 [I].

D Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1).

E Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 tal-15 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 51).

F Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10).

G Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

H Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).

I Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li tiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).

▼M5

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat MOL-HC**

[2][**II.2. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali għall-molluski bivalvi** [3]**tal-ispeċijiet elenkati maħsuba għall-konsum mill-bniedem u għal prodotti ta' oriġini mill-annimali minn dawk il-molluski li jkunu maħsuba għal ipproċessar ulterjuri fl-Unjoni qabel il-konsum mill-bniedem, eskluži l-molluski selvaġġi u l-prodotti tagħhom li jinħattu l-art minn bastimenti tas-sajd**

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika li:

II.2.1. Skont informazzjoni uffiċjali, [4][l-annimali akkwatiċi msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I] [4][il-prodotti ta' oriġini mill-annimali akkwatiċi għajr l-annimali akkwatiċi ħajjin imsemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I, inkisbu minn annimali li] jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li ġejjin:

II.2.1.1. Joriġinaw minn [4][stabbiliment] [4][ħabitat] li mhux soġġett għal miżuri nazzjonali ta' restrizzjoni għal raġunijiet relatati mas-saħħa tal-annimali jew minħabba l-okkorrenza ta' mortalità anormali b'kawża mhux determinata, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 [J] u l-mard emerġenti;

II.2.1.2. [4][L-annimali akkwatiċi mhux maħsuba biex jinqatlu] [4][Il-prodotti tal-oriġini minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin, li nkisbu minn annimali li ma kinux maħsuba biex jinqatlu] skont programm nazzjonali għall-eradikazzjoni tal-mard, inkluż il-mard elenkat relevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti.

[4][II.2.2. [4][L-annimali tal-akkwakultura msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I] [4][Il-prodotti tal-oriġini mill-annimali tal-akkwakultura għajr l-annimali ħajjin tal-akkwakultura msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I, inkisbu minn annimali li] jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

II.2.2.1. Ġejjin minn stabbiliment tal-akkwakultura li huwa [4][reġistrat] [4][approvat] mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew tat-territorju tal-oriġini, u fil-kontroll tagħha, u li għandu sistema fis-seħħ biex imantni u jżomm għal tal-anqas 3 snin rekords aġġornati li jkun fihom informazzjoni dwar:

(i) l-ispeċijiet, il-kategoriji u n-numru ta' annimali tal-akkwakultura miżmuma fl-istabbiliment;

(ii) il-movimenti tal-annimali akkwatiċi lejn l-istabbiliment, u tal-annimali tal-akkwakultura barra mill-istabbiliment;

(iii) il-mortalità fl-istabbiliment;

II.2.2.2. Ġejjin minn stabbiliment tal-akkwakultura li jirċievi żjarat regolari tas-saħħa tal-annimali minn veterinarju għall-fini ta' detezzjoni tas-sinjali li jindikaw l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti, u tal-informazzjoni dwarhom, bi frekwenza li tkun proporzjonali għar-riskju rrappreżentat mill-istabbiliment.]

[J] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379).

▼M5

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat MOL-HC**

II.2.3. Rekwiżiti ġenerali dwar is-saħħa tal-annimali

(4)[L-annimali akkwatiċi msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I] (4)[Il-prodotti tal-oriġini mill-annimali akkwatiċi għajr l-annimali akkwatiċi ħajjin imsemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I inkisbu minn annimali li] jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li ġejjin:

(4)(6)[II.2.3.1. Huma soġġetti għar-rekwiżiti fil-Parti II.2.4 u joriġinaw minn (4)[pajjiż] (4)[territorju], (4)[żona] (4)[kompartiment] (5)bil-kodiċi: __ __ - __ li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, huwa/hija elenkat(a) fil-Parti 1 tal-Anness XXI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 [K] għad-dħul fl-Unjoni ta' dawk (4)[l-annimali akkwatiċi] (4)[il-prodotti ta' oriġini mill-annimali minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin];]

(4)(6)[II.2.3.2. Ikunu annimali akkwatiċi li għaddew minn spezzjoni klinika minn veterinarju uffiċjali fi żmien 72 siegħa qabel il-ħin tat-tagħbija. Waqt l-ispezzjoni, l-annimali ma wrew l-ebda sinjal ta' mard li jittieħed u, skont ir-rekords rilevanti tal-istabbiliment, ma kien hemm l-ebda indikazzjoni ta' problemi ta' mard;]

II.2.3.3. Huma annimali akkwatiċi li jintbagħtu direttament mill-istabbiliment ta' oriġini lejn l-Unjoni;

II.2.3.4. Ma kinux f'kuntatt ma' annimali akkwatiċi bi status ta' saħħa inferjuri.

jew(4)(6)[**II.2.4. Rekwiżiti speċifiċi tas-saħħa**

(4) [**II.2.4.1. Rekwiżiti (3)għall-ispeċijiet elenkati għall-infezzjoni bil-Mikrocytos mackini jew għall-infezzjoni bil-Perkinsus marinus**

(4)[L-annimali akkwatiċi msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I] (4)[Il-prodotti li joriġinaw mill-annimali akkwatiċi għajr l-annimali akkwatiċi ħajjin imsemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I inkisbu minn annimali li] joriġinaw minn (4)[pajjiż] (4)[territorju] (4)[żona] (4)[kompartiment] iddikjarat(a) ħieles/ħielsa minn (4)[Infezzjoni bil-Mikrocytos mackini] (4)[Infezzjoni bil-Perkinsus marinus] f'konformità mal-kundizzjonijiet li huma tal-anqas strinġenti daqs dawk stabbiliti fl-Artikolu 66 jew fl-Artikolu 73(1) u fl-Artikolu 73(2), il-punt (a) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 [L] u fil-każ tal-annimali akkwatiċi, l-ispeċijiet elenkati(3) kollha għall-mard relevanti:

(i) huma introdotti minn pajjiż, territorju, żona jew kompartiment ieħor iddikjarat ħieles mill-istess mard;

(ii) ma tlaqqmux kontra (4) [dik il-marda] (4) [dak il-mard].]

K Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tat-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

L Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għas-sorveljanza, għall-programmi ta' eradikazzjoni u għall-istat ta' ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat u emerġenti (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 211).

▼M5

PAJJIŻ	Mudell taċ-ċertifikat MOL-HC
	[4][7] [II.2.4.2. Rekwiżiti [3]għall-ispeċijiet elenkati għall-infezzjoni bil-Marteilia refringens, l-infezzjoni bil-Bonamia exitiosa jew l-infezzjoni bil-Bonamia ostreae [4][L-annimali akkwatiċi msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I] [4][Il-prodotti li joriġinaw mill-annimali akkwatiċi għajr l-annimali akkwatiċi ħajjin imsemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I, inkisbu minn annimali li] joriġinaw minn [4][pajjiż] [4][territorju] [4][żona] [4][jew kompartiment] iddikjarat(a) ħieles/ħielsa minn [4][infezzjoni bil-Marteilia refringens] [4][infezzjoni bil-Bonamia exitiosa] [4][infezzjoni bil-Bonamia ostreae] f'konformità mal-Parti II, il-Kapitolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 u fil-każ tal-annimali akkwatiċi, l-ispeċijiet elenkati[3] kollha għall-mard relevanti: – huma introdotti minn pajjiż, territorju, żona jew kompartiment ieħor iddikjarat ħieles mill-istess mard; – ma tlaqqmux kontra [4] [dik il-marda] [4] [dak il-mard].] [4][8] [II.2.4.3. Rekwiżiti [9]għall-ispeċijiet suxxettibbli għall-infezzjoni bil-Virus tal-erpete tal-gajdri 1 μvar (OsHV-1 μvar) [4][L-annimali akkwatiċi msemmijin fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I] [4][Il-prodotti ta' oriġini mill-annimali minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin imsemmijin fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I inkisbu minn annimali li] joriġinaw minn [4][pajjiż] [4][territorju] [4][żona] [4][kompartiment] li jissodisfa l-garanziji tas-saħħa fir-rigward ta' OsHV-1 μvar li huma meħtieġa għall-konformità mal-miżuri nazzjonali li japplikaw fl-Istat Membru tad-destinazzjoni skont l-Artikolu 175 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692, u li għalihom l-Istat Membru jew parti minnu huwa elenkat [4][fl-Anness I] [4][fl-Anness II] tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/260 [M].]] jew [4][6][II.2.4. Rekwiżiti speċifiċi tas-saħħa [4][L-annimali akkwatiċi msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I] [4][Il-prodotti ta' oriġini minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin imsemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I] nkisbu minn annimali li huma ddestinati għal stabbiliment tal-ikel akkwatiku għall-kontroll tal-mard fl-Unjoni li huwa approvat f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/691 [N], fejn għandhom jiġu pproċessati għall-konsum mill-bniedem.]

M Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/260 tal-11 ta' Frar 2021 li tapprova miżuri nazzjonali mfassla biex jillimitaw l-impatt ta' ċertu mard ta' annimali akkwatiċi f'konformità mal-Artikolu 226(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/221/UE (ĠU L 59, 19.2.2021, p. 1).

N Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/691 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għal stabbilimenti tal-akkwakultura u trasportaturi ta' annimali akkwatiċi (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 345).

▼M5

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat MOL-HC**

II.2.5. Sa fejn naf jien, u kif iddikjarat mill-operatur, (4)[l-annimali akkwatiċi msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I] (4)[il-prodotti li joriġinaw minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I inkisbu minn annimali li] joriġinaw minn (4)[stabbiliment] (4)[ħabitat] fejn:

(i) ma kien hemm l-ebda mortalità anormali b'kawża indeterminata; u

(ii) l-annimali ma ġewx f'kuntatt ma' annimali akkwatiċi (3)tal-ispeċijiet elenkati li ma kinux konformi mar-rekwiżiti msemmija fil-punt II.2.1.

II.2.6. Rekwiżiti tat-trasport

Saru arranġamenti għat-trasport tal-annimali akkwatiċi msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I f'konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 167 u 168 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u speċifikament li:

II.2.6.1. meta l-annimali jiġu ttrasportati fl-ilma, l-ilma ma jinbidilx f'pajjiż terz jew f'territorju, f'żona jew f'kompartiment li mhumiex elenkati għad-dħul fl-Unjoni tal-ispeċi u tal-kategorija partikolari ta' annimali akkwatiċi;

II.2.6.2. l-annimali ma jinġarrux f'kundizzjonijiet li jipperikolaw l-istatus tas-saħħa tagħhom, b'mod partikolari:

(i) meta l-annimali jinġarru fl-ilma, dan l-ilma ma jbiddilx l-istatus tas-saħħa tagħhom;

(ii) il-mezz tat-trasport u l-kontenituri jridu jkunu nbnew b'mod li l-istatus tas-saħħa tal-annimali akkwatiċi ma jiġix ipperikolat waqt il-ġarr;

(iii) (4)[il-kontenitur] (4)[id-dgħajsa barrada] (4)[ma ntużat qatt] (4)[huwa/hija mnaddaf/fa qabel u diżinfettat(a), f'konformità ma' protokoll u bi prodotti approvati mill-awtorità kompetenti (4)[tal-pajjiż terz] (4)[tat-territorju] tal-oriġini, qabel it-tagħbija għad-dispaċċ lejn l-Unjoni];

II.2.6.3. mill-ħin tat-tagħbija fl-istabbiliment ta' oriġini sal-ħin tal-wasla fl-Unjoni, l-annimali fil-kunsinna ma jiġux ittrasportati fl-istess ilma jew (4)[kontenitur] (4)[dgħajsa barrada] flimkien ma' annimali akkwatiċi li għandhom status tas-saħħa inferjuri jew li mhumiex maħsuba għad-dħul fl-Unjoni;

II.2.6.4. fejn ikun meħtieġ li jinbidel l-ilma f'(4)[pajjiż] (4)[territorju] (4)[żona] (4)[kompartiment] li huwa/hija elenkat(a) għad-dħul tal-ispeċi u tal-kategorija partikolari ta' annimali akkwatiċi fl-Unjoni, dan iseħħ biss (4)[fil-każ ta' trasport fuq l-art, fil-punti ta' bdil tal-ilma approvati mill-awtorità kompetenti (4) [tal-pajjiż terz] (4)[tat-territorju] fejn jinbidel l-ilma] (4)[fil-każ ta' trasport b'dgħajsa barrada, f'distanza ta' mill-inqas 10 km minn kwalunkwe stabbiliment tal-akkwakultura li jinsab fir-rotta bejn il-post ta' oriġini u l-post ta' destinazzjoni fl-Unjoni].

▼M5

PAJJIŻ | Mudell taċ-ċertifikat MOL-HC

II.2.7. Rekwiżiti tat-tikkettar

Saru arranġamenti għall-identifikazzjoni u għat-tikkettar tal-[4][mezz tat-trasport] [4][kontenituri] f'konformità mal-Artikolu 169 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u speċifikament li:

II.2.7.1. il-kunsinna tkun identifikata minn [4][tikketta li tinqara u li tidher fuq in-naħa ta' barra tal-kontenitur] [4][entrata fil-manifest tal-bastimenti meta tinġarr minn dgħajsa barrada] li torbot il-kunsinna b'mod ċar ma' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali;

[4][II.2.7.2. fil-każ ta' annimali akkwatiċi ħajjin, it-tikketta li tinqara u li tidher imsemmija fil-punt II.2.7.1. fiha:

(a) dettalji dwar l-għadd ta' kontenituri fil-kunsinna;

(b) l-isem tal-ispeċi preżenti f'kull kontenitur;

(c) dettalji dwar l-għadd ta' annimali f'kull kontenitur għal kull waħda mill-ispeċijiet preżenti;

(d) id-dikjarazzjoni li ġejja: "molluski ħajjin maħsuba għall-konsum mill-bniedem fl-Unjoni Ewropea";]

[4][II.2.7.3. fil-każ ta' prodotti tal-oriġini mill-annimali minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin, it-tikketta li tinqara u li tidher imsemmija fil-punt II.2.7.1. fiha mill-anqas id-dikjarazzjoni li ġejja:

"molluski ħajjin maħsuba għall-konsum mill-bniedem, wara l-ipproċessar ulterjuri fl-Unjoni Ewropea".]

II.2.8. Validità taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali huwa validu għal 10 ijiem mid-data tal-ħruġ. Fil-każ ta' trasport tal-annimali akkwatiċi bil-passaġġi fuq l-ilma/bil-baħar, dan il-perjodu ta' 10 ijiem jista' jiġi estiż bid-durata tal-vjaġġ fuq il-passaġġi fuq l-ilma/fuq il-baħar.

Noti

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'dan iċ-ċertifikat jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' molluski bivalvi ħajjin u prodotti ta' oriġini mill-annimali minn dawk l-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tat-tali molluski bivalvi ħajjin u l-prodotti tagħhom.

"Annimali akkwatiċi" huma annimali kif iddefiniti fl-Artikolu 4, il-punt (3) tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. "Annimali tal-akkwakultura" huma annimali akkwatiċi soġġetti għall-akkwakultura kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (7), tar-Regolament (UE) 2016/429.

L-annimali akkwatiċi kollha u l-prodotti kollha ta' oriġini minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin, li għalihom tapplika l-Parti II.2.4. ta' dan iċ-ċertifikat, iridu joriġinaw minn pajjiż/territorju/żona/kompartiment li jidher/tidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XXI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

▼M5

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat MOL-HC**

Il-Parti II.2.4. taċ-ċertifikat **ma tapplikax** għall-annimali akkwatiċi li ġejjin, u għalhekk jistgħu joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun tiegħu, li huwa elenkat fl-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405:

(a) molluski li jkunu imballati u ttikkettati għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi għal dawk l-annimali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 u li ma jkunux jistgħu jibqgħu ħajjin jekk jitreġġgħu lura fl-ambjent akkwatiku;

(b) molluski li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem mingħajr ipproċessar ulterjuri, dment li jkunu imballati għall-bejgħ bl-imnut f'konformità mar-rekwiżiti għat-tali imballaġġi kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(c) molluski li jkunu imballati u ttikkettati għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi għal dawk l-annimali kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 u li huma maħsuba għall-ipproċessar ulterjuri mingħajr ħżin temporanju fil-post tal-ipproċessar.

Dan iċ-ċertifikat uffiċjali/tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235.

Parti I:

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.8: Reġjun tal-oriġini: indika ż-żona tal-produzzjoni u l-klassifikazzjoni tagħha fil-mument tal-ħsad.

Parti II:

(1) Il-Parti II.1. ma tapplikax għall-pajjiżi b'rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni tas-saħħa pubblika speċjali stipulati fi Ftehimiet ta' Ekwivalenza jew f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.

(2) Il-Parti II.2. ma tapplikax u jenħtieġ li titħassar meta l-kunsinna tkun tikkonsisti minn: (a) speċijiet għajr dawk elenkati fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 [O]; jew (b) annimali akkwatiċi selvaġġi u prodotti ta' oriġini mill-annimali minn dawk l-annimali akkwatiċi li jinħattu l-art minn bastimenti tas-sajd għall-konsum dirett mill-bniedem; jew (c) prodotti tal-oriġini mill-annimali minn annimali akkwatiċi oħra għajr annimali akkwatiċi ħajjin li jidħlu fl-Unjoni lesti għall-konsum dirett mill-bniedem.

